**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B**

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-19 ta' Diċembru 2007**

**li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6396)*

**(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u biż-Żvediż biss huma awtentiċi)**

(2008/22/KE)

(ĠU L 7, 10.1.2008, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/533/KE tad-9 ta' Lulju 2009 | L 179 | 62 | 10.7.2009 |
| ►**M2** | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/163/UE tat-8 ta' Marzu 2010 | L 69 | 16 | 19.3.2010 |

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-19 ta' Diċembru 2007**

**li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6396)*

**(It-testi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u biż-Żvediż biss huma awtentiċi)**

(2008/22/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE [1], u partikolarment l-Artikoli 23, 31(5), 33(6) u 35(4) tagħha,

Billi:

(1) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li fihom l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-azzjoni taħt il-Fond, partikolarment biex jiġi identifikat f'liema ċirkostanzi l-awtorità responsabbli tista' timplimenta l-proġetti direttament. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet oħra għall-awtoritajiet delegati.

(2) Jeħtieġ li tiġi identifikata lista ta' proċeduri u/jew ta' arranġamenti prattiċi li l-awtoritajiet maħtura differenti għandhom jistabbilixxu u jsegwu għall-implimentazzjoni tal-Fond.

(3) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-obbligi li għandu jkollhom l-awtoritajiet responsabbli fir-rigward tal-benefiċjarji finali fil-fażi li twassal għall-għażla u għall-approvazzjoni tal-proġetti li għandhom jiġu finanzjati u fir-rigward ta' l-aspetti li għandhom jiġu koperti mill-verifiki tan-nefqa dikjarata mill-benefiċjarju finali u/jew mill-imsieħba fil-proġett, inklużi l-verifiki amministrattivi ta' l-applikazzjonijiet għar-rimbors u l-verifiki fil-post tal-proġetti individwali.

(4) Sabiex ikun żgurat li n-nefqa taħt il-programmi annwali tista' tiġi verifikata sew, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji li magħhom għandhom jikkonformaw ir-rekords ta' verifika sabiex jitqiesu adegwati.

(5) Il-verifiki tal-proġetti u tas-sistemi isiru taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika. Biex jiġi żgurat li l-verifiki joffru ambitu u effettività adegwati u li jsiru skond l-istess standards fl-Istati Membri kollha, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li għandhom jissodisfaw il-verifiki, inkluża l-bażi tat-teħid ta' kampjuni.

(6) L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni, flimkien mal-programm pluriennali tagħhom, deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom. Ladarba dan id-doku-

[1] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1.

▼B

ment huwa wieħed mill-bażijiet prinċipali li fuqu tistrieħ il-Kummissjoni, fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża tal-baġit Komunitarju, sabiex jiġi determinat jekk l-għajnuna finanzjarja konċernata hijiex qed tintuża mill-Istati Membri skond ir-regoli u l-prinċipji applikabbli biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità, jeħtieġ li tiġi stabbilita fid-dettall l-informazzjoni li dan id-dokument għandu jkun fih.

(7) Sabiex ikunu armonizzati l-istandards għall-programmazzjoni, wara l-implimentazzjoni tal-Fond, għall-verifika u għaċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, jeħtieġ li jiġi definit b'mod ċar il-kontenut tal-programm pluriennali, tal-programm annwali, tar-rapport ta' progress, tar-rapport finali, ta' l-applikazzjonijiet għall-pagamenti kif ukoll l-istrateġija ta' verifika, ir-rapport ta' verifika annwali, id-dikjarazzjoni ta' validità u ċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa.

(8) Ladarba l-Istati Membri huma meħtieġa li jirrapportaw u jimmonitorjaw l-irregolaritajiet u jirkupraw somom ta' flus imħallsa indebitament b'konnessjoni mal-finanzjament mill-Fond, jeħtieġ li jiġu definiti r-rekwiżiti għad-data li tintbagħat lill-Kummissjoni.

(9) L-esperjenza wriet li ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea mhumiex suffiċjentement konxji mir-rwol li għandha l-Komunità fil-programmi ta' finanzjament. Huwa għalhekk xieraq li jiġu definiti fid-dettal il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità meħtieġa sabiex jingħalaq dan id-distakk fil-kommunikazzjoni u fl-informazzjoni.

(10) Sabiex ikun iggarantit li l-informazzjoni dwar l-opportunijiet possibbli ta' finanzjament tinxtered kemm jista' jkun fil-wisa' fost il-partijiet kollha interessati u għall-fini ta' trasparenza, għandhom jiġu stabbiliti l-miżuri minimi meħtieġa biex il-benefiċjarji finali potenzjali jiġu informati dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti b'mod konġunt mill-Komunità u mill-Istati Membri permezz tal-Fond. Sabiex ikun hemm titjib fit-trasparenza fejn għandu x'jaqsam l-użu tal-Fond, il-lista tal-benefiċjarji finali, l-ismijiet tal-proġetti u l-ammont ta' fondi pubbliċi allokati għall-proġetti għandhom jiġu pubblikati.

(11) Fid-dawl tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data, [2], jeħtieġ li jkun ipprovdut, b'relazzjoni għall-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità u x-xogħol ta' verifika skond din id-Deċiżjoni, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jżommu milli tinkixef b'mod mhux awtorizzat jew li jkun hemm aċċess għad-data personali u li jispeċifikaw il-fini li għalih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw tali data.

(12) L-użu ta' mezzi elettroniċi għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' data finanzjarja bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jwassal għal semplifikazzjoni, aktar effiċjenza u trasparenza u jiġi ffrankat aktar ħin. Sabiex dawn il-vantaġġi jiġu kapitalizzati b'mod sħiħ filwaqt li tinżamm is-sigurtà ta' l-iskambji, tista' tiġi stabbilita sistema kompjuterizzata komuni mill-Kummissjoni.

(13) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-Fond fl-Istati Membri, skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, għandhom ikunu adottati sensiela ta' regoli komuni dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa mill-Fond. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Id-Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

▼B

fuq il-benefiċjarji finali u l-awtoritajiet maħtura, f'ċerti kondizzjonijiet għandhom ikunu eliġibbli rati fissi għall-ispejjeż indiretti.

(14) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, ir-Renju Unit huwa marbut bl-att bażiku u, konsegwentement, b'din id-Deċiżjoni.

(15) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, l-Irlanda hija marbuta bl-att bażiku u, konsegwentement, b'din id-Deċiżjoni.

(16) Skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta b'din id-Deċiżjoni u lanqas mhija suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(17) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Fond,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

▼B

WERREJ


| | |
|---|---|
| Parti I | Introduzzjoni |
| Kapitolu 1 | Is-suġġett u d-definizzjonijiet |
| Artikolu 1 | Is-suġġett |
| Artikolu 2 | Id-definizzjonijiet |
| Parti II | Dispożizzjonijiet komuni għall-erba' fondi |
| Kapitolu 1 | L-awtoritajiet maħtura |
| Artikolu 3 | L-awtoritajiet komuni |
| Artikolu 4 | L-awtorità delegata |
| Artikolu 5 | L-esternalizzazzjoni (*outsourcing*) tal-kompiti |
| Kapitolu 2 | Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll |
| Artikolu 6 | Il-manwal tal-proċeduri |
| Artikolu 7 | L-implimentazzjoni tal-Fond mill-awtorità responsabbli |
| Artikolu 8 | Il-kondizzjonijiet li fihom l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li teżegwixxi |
| Artikolu 9 | Il-proċedura ta' l-għażla u ta' l-għotja meta l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li tagħmel l-għotjiet |
| Artikolu 10 | Il-ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji finali meta l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li tagħmel l-għotjiet |
| Artikolu 11 | Il-kuntratti ta' implimentazzjoni |
| Artikolu 12 | Id-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni Komunitarja finali |
| Artikolu 13 | L-għajnuna teknika |
| Artikolu 14 | In-nefqa ta' l-għajnuna teknika fil-każ ta' awtorità komuni |
| Artikolu 15 | Il-verifiki mill-awtorità responsabbli |
| Artikolu 16 | Ir-rekord ta' verifika |
| Artikolu 17 | Il-verifiki tas-sistemi u l-verifiki tal-proġetti |
| Artikolu 18 | Il-verifiki mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni |
| Kapitolu 3 | L-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta dwar l-użu tal-Fond |
| Artikolu 19 | Il-prinċipju ta' proporzjonalità |
| Artikolu 20 | Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll |
| Artikolu 21 | Ir-reviżjoni tad-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll |
| Artikolu 22 | Id-dokumenti ta' programmazzjoni |
| Artikolu 23 | Ir-reviżjoni tat-tqassim finanzjarju fi programmi annwali |
| Artikolu 24 | Progress u rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali u talbiet għal pagamenti |
| Artikolu 25 | Id-dokumenti stabbiliti mill-awtorità ta' verifika |
| Artikolu 26 | Id-dokumenti stabbiliti mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni |
| Kapitolu 4 | Ir-rapportaġġ ta' l-irregolaritajiet |
| Artikolu 27 | Ir-rapportaġġ inizjali – id-derogi |
| Artikolu 28 | Ir-rapportaġġ ta' l-azzjoni ta' segwitu – In-nuqqas ta' rkupru |
| Artikolu 29 | Il-kuntatti ma' l-Istati Membri |
| Artikolu 30 | L-użu ta' l-informazzjoni |
| Kapitolu 5 | L-informazzjoni u l-pubbliċità |
| Artikolu 31 | L-informazzjoni għall-benefiċjarji finali potenzjali |
| Artikolu 32 | L-informazzjoni għall-benefiċjarji finali |

▼B


| | |
|---|---|
| Artikolu 33 | Ir-responsabbiltajiet ta' l-awtorità responsabbli relatati ma' l-informazzjoni u mal-pubbliċità għall-pubbliku ġenerali |
| Artikolu 34 | Ir-responsabbiltajiet tal-benefiċjarji finali relatati ma' l-informazzjoni u mal-pubbliċità għall-pubbliku ġenerali |
| Artikolu 35 | Il-karatteristiċi tekniċi ta' l-informazzjoni u tal-pubbliċità għall-operazzjoni |
| Kapitolu 6 | Id-data personali |
| Artikolu 36 | Il-protezzjoni tad-data personali |
| Kapitolu 7 | L-iskambju elettroniku tad-dokumenti |
| Artikolu 37 | L-iskambju elettroniku tad-dokumenti |
| Artikolu 38 | Is-sistema kompjuterizzata għall-iskambju tad-dokumenti |
| Parti III | Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-fond ewropew għar-refuġjati |
| Kapitolu 1 | Ir-regoli ta' eliġibbiltà |
| Artikolu 39 | Ir-regoli ta' eliġibbiltà |
| Kapitolu 2 | Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll |
| Artikolu 40 | Il-miżuri ta' emerġenza |
| Artikolu 41 | L-ammont fiss għall-persuni li ġew allokati mill-ġdid |
| Artikolu 42 | L-implimentazzjoni tal-programmi annwali |
| Parti IV | Dispożizzjonijiet finali |
| Artikolu 43 | Id-Destinatarji |
| ANNESSI | |

▼B

PARTI I

**INTRODUZZJONI**

*KAPITOLU 1*

***Is-suġġett u d-definizzjonijiet***

*L-Artikolu 1*

**Is-suġġett**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tal-Fond fir-rigward ta':

(a) l-awtoritajiet maħtura;

(b) is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;

(c) l-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri dwar l-użu tal-Fond;

(d) ir-rapportaġġ ta' l-irregolaritajiet;

(e) l-informazzjoni u l-pubbliċità;

(f) id-*data* personali;

(g) l-iskambju elettroniku tad-dokumenti.

2. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti aktar 'l isfel għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [1].

*L-Artikolu 2*

**Id-definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "att bażiku": id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE;

— "Fond": il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, kif ġie stabbilit mill-att bażiku;

— "erba' Fondi": il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond għall-Fruntieri Esterni, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ġie stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE, mid-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, mid-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], mid-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] u mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/435/KE [4] bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni";

— "awtorità responsabbli": l-entità maħtura minn Stat Membru skond l-Artikolu 25(1)(a) ta' l-att bażiku;

— "awtorità ta' ċertifikazzjoni": l-entità maħtura minn Stat Membru skond l-Artikolu 25(1)(b) ta' l-att bażiku;

---

[1] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[2] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
[3] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45.
[4] ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18.

▼B

— “awtorità ta’ verifika”: l-entità maħtura minn Stat Membru skond l-Artikolu 25(1)(c) ta’ l-att bażiku;

— “awtorità delegata”: l-entità maħtura minn Stat Membru skond l-Artikolu 25(1)(d) ta’ l-att bażiku;

— “awtoritajiet maħtura”: l-awtoritajiet kollha maħtura minn Stat Membru skond l-Artikolu 25 ta’ l-att bażiku;

— “azzjoni”: azzjoni taħt il-Fond, kif iddefinita fl-Artikoli 3 u 5 ta’ l-att bażiku;

— “proġett”: il-mezz speċifiku u prattiku użat biex il-benefiċjarji finali ta’ l-għotjiet jimplimentaw azzjoni b’mod sħiħ jew parzjali;

— “benefiċjarju finali”: l-entità legali responsabbli għall-implimentazzjoni ta’ proġetti bħalma huma l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), l-awtoritajiet federali, nazzjonali, reġjonali jew lokali, organizzazzjonijiet oħra li ma jagħmlux qligħ, kumpaniji tal-liġi pubblika jew privata jew organizzazzjonijiet internazzjonali;

— “imsieħeb fil-proġett”: kwalunkwe entità legali li timplimenta proġett f’kooperazzjoni ma’ benefiċjarju finali billi tipprovdi riżorsi għall-proġett u billi tirċievi parti mill-kontribuzzjoni Komunitarja permezz tal-benefiċjarju finali;

— “linji ta’ gwida strateġiċi”: il-qafas għal intervent mill-Fond, kif adottati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2007/815/KE ([1]),

— “prijorità”: ġabra ta’ azzjonijiet iddefiniti bħala prijorità fil-linji ta’ gwida strateġiċi;

— “prijorità speċifika”: ġabra ta’ azzjonijiet iddefiniti bħala prijorità speċifika fil-linji ta’ gwida strateġiċi, li jippermettu kofinanzjament b’rata ogħla, skond l-Artikolu 14(4) ta’ l-att bażiku;

— “sejba primarja amministrattiva jew ġudizzjarja”: l-ewwel valutazzjoni bil-miktub minn awtorità kompetenti, jew amministrattiva jew ġudizzjarja, li tikkonkludi abbażi ta’ fatti speċifiċi li saret irregolarità, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li din il-konklużjoni sussegwentement jista’ jkollha tiġi riveduta jew irtirata minħabba l-iżviluppi waqt il-proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja;

— “irregolarità”: kwalunkwe ksur ta’ dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja li jirriżulta minn att jew omissjoni min-naħa ta’ operatur ekonomiku li għandu, jew għandu jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta’ l-Unjoni Ewropea billi jitlob ħlas għal element ta’ nefqa mhux iġġustifikat mill-baġit ġenerali;

— “frodi suspettat”: irregolarità li tagħti lok biex jingħata bidu għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji fuq livell nazzjonali sabiex jiġi stabbilit li teżisti mġiba intenzjonata, partikolarment frodi, kif imsemmi fil-punt (a) ta’ l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni mfassla abbażi ta’ l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta’ l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([2]);

— “falliment”: proċeduri ta’ insolvenza, kif iddefiniti fl-Artikolu 2(a), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 ([3]);

— “ftehim ta’ għotja”: ftehim jew forma ekwivalenti ta’ strument legali li fuq il-bażi tiegħu l-Istati Membri jipprovdu għotjiet lill-benefiċjarji finali sabiex jimplimentaw il-proġett taħt il-Fond.

([1]) ĠU L 326, 12.12.2007, p. 29.
([2]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.
([3]) ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 681/2007 (ĠU L 159, 20.6.2007, p. 1).

▼B

PARTI II

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-ERBA' FONDI**

*KAPITOLU 1*

***L-awtoritajiet maħtura***

*L-Artikolu 3*

**L-awtoritajiet komuni**

L-Istati Membri jistgħu jaħtru l-istess awtorità responsabbli, awtorità ta' verifika jew awtorità ta' ċertifikazzjoni għal tnejn jew aktar mill-erba' Fondi.

*L-Artikolu 4*

**L-awtorità delegata**

1. Kwalunkwe delegazzjoni tal-kompiti għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, li teħtieġ kontroll intern effettiv u effiċjenti, u għandha tiżgura konformità mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-viżibbiltà tal-finanzjament Komunitarju. In-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-kompiti delegati jista' jagħti lok għal kunflitti ta' interess.

2. L-ambitu tal-kompiti delegati mill-awtorità responsabbli lill-awtorità delegata u l-proċeduri ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti delegati għandhom jiġu reġistrati formalment bil-miktub.

L-att ta' delegazzjoni għandu jsemmi għallinqas:

(a) ir-referenzi tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità;

(b) il-kompitu fdat lill-awtorità delegata;

(c) id-drittijiet u d-dmirijiet ta' l-awtorità delegata u r-responsabbiltajiet li tassumi;

(d) l-obbligu ta' l-awtorità delegata li tistabbilixxi u żżomm struttura organizzattiva u sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll adattata għat-twettiq tal-kompiti tagħha;

(e) l-assikurazzjoni li għandha tiġi provduta fir-rigward ta' ġestjoni finanzjarja soda u l-legalità u r-regolarità tal-kompiti delegati.

3. L-immaniġġjar tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 25(1)(a) ta' l-att bażiku m'għandux jiġi delegat. L-awtorità delegata għandha tikkomunika mal-Kummissjoni permezz ta' l-awtorità responsabbli.

4. Jekk l-awtorità delegata mhijiex amministrazzjoni pubblika jew entità regolata mil-liġi privata ta' l-Istat Membru li għandha missjoni ta' servizz pubbliku, l-awtorità responsabbli ma tista' tiddelega lil dik l-awtorità l-ebda poter eżekuttiv li jinvolvi għadd kbir ta' diskrezzjoni li timplika għażliet politiċi.

5. Id-delegazzjoni tal-kompiti lill-awtoritajiet delegati m'għandhiex taffettwa r-responsabbiltà ta' l-awtorità responsabbli, li għandha tibqa' hija li twieġeb għall-kompiti li tkun iddelegat.

6. Fejn l-awtorità responsabbli tkun iddelegat kompiti lill-awtorità delegata, għall-awtorità delegata għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Deċiżjoni relatati ma' l-awtorità responsabbli.

▼B

*L-Artikolu 5*

**L-esternalizzazzjoni (*outsourcing*) tal-kompiti**

L-awtoritajiet maħtura jistgħu jesternalizzaw (*outsource*) xi whud mill-kompiti tagħhom imma għandhom jibqgħu huma li jwieġbu għall-kompiti esternalizzati skond ir-responsabbiltajiet iddefiniti fl-Artikoli 27, 29 u 30 ta' l-att bażiku.

*KAPITOLU 2*

***Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll***

*L-Artikolu 6*

**Il-manwal tal-proċeduri**

Skond l-Artikolu 31(2) ta' l-att bażiku u meta jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu manwal li jiddeskrivi proċeduri u arranġamenti prattiċi rigward:

(a) il-funzjonament ta' l-awtoritajiet maħtura;

(b) l-arranġamenti li jiżguraw is-separazzjoni xierqa tal-funzjonijiet;

(c) fejn ikun xieraq, il-monitoraġġ ta' l-awtoritajiet delegati u ta' kompiti esternalizzati oħra;

(d) l-istabbiliment ta' programmi pluriennali u annwali;

(e) l-istabbiliment ta' strateġija ta' verifika u ta' pjanijiet ta' verifika annwali;

(f) l-għażla tal-proġetti, l-għoti ta' l-għotjiet u l-monitoraġġ u l-ġestjoni finanzjarja tal-proġetti;

(g) il-ġestjoni ta' l-irregolaritajiet, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri;

(h) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-missjonijiet ta' verifika;

(i) it-tħejjija tar-rapporti u tad-dikjarazzjonijiet ta' verifika;

(j) iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa;

(k) l-evalwazzjoni tal-programm;

(l) ir-rapportaġġ lill-Kummissjoni;

(m) ir-rekord ta' verifika.

*L-Artikolu 7*

**L-implimentazzjoni tal-Fond mill-awtorità responsabbli**

1. Għall-implimentazzjoni tal-Fond, l-awtorità responsabbli tista' tagħmilha ta' entità li tagħmel l-għotjiet u/jew ta' entità li teżegwixxi.

2. L-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li tagħmel l-għotjiet f'każijiet fejn timplimenta l-proġetti, bħala regola ġenerali, abbażi ta' sejħiet miftuħa annwal igħal proposti.

La l-awtorità responsabbli u lanqas kwalunkwe awtorità delegata oħra ma jistgħu japplikaw b'reazzjoni għal dawn is-sejħiet għal proposti.

F'każijiet debitament iġġustifikati, inkluża t-tkomplija ta' proġetti pluriennali skond l-Artikolu 14(6) ta' l-att bażiku li ġew magħżula wara sejħa għal proposti preċedenti jew f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti.

3. L-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li teżegwixxi f'każijiet fejn tiddeċiedi li timplimenta l-proġetti direttament minħabba li l-karatteristiċi tal-proġetti ma jħallu l-ebda għażla oħra għall-implimentazzjoni,

▼B

bħalma huma sitwazzjonijiet ta' monopolju *de jure* jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà. F'dawn il-każijiet, għall-awtorità responsabbli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ir-regoli li jikkonċernaw lill-benefiċjarju finali.

*L-Artikolu 8*

**Il-kondizzjonijiet li fihom l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' l-entità li teżegwixxi**

1. Ir-raġunijiet li wasslu lill-awtorità responsabbli biex tagħmilha ta' entità li teżegwixxi għall-implimentazzjoni tal-proġetti għandhom jiġu identifikati u komunikati lill-Kummissjoni fil-qafas tal-programm annwali konċernat.

2. Waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura l-prinċipju tal-valur għall-flus u tipprevjeni l-kunflitti ta' interess.

3. L-awtorità responsabbli tista' timplimenta l-proġetti identifikati skond l-Artikolu 7(3) direttament u/jew flimkien ma' kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti minħabba l-kompetenza teknika tagħha, il-livell għoli ta' speċjalizzazzjoni tagħha jew il-poteri amministrattivi tagħha. L-awtoritajiet nazzjonali ewlenin involuti fl-implimentazzjoni għandhom jiġu identifikati wkoll fil-programm annwali konċernat.

4. Id-deċiżjoni amministrattiva li tikkofinanzja proġett taħt il-Fond għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu monitorjati l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati u sabiex tiġi kontrollata n-nefqa li tkun saret. Id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha li ġew stabbiliti għal ftehim ta' għotja fl-Artikolu 10(2) għandhom jiġu speċifikati f'forma ekwivalenti ta' strument legali.

5. Ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-proċeduri u l-prattiki applikati sabiex tiġi żgurata separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet, kontroll effettiv u protezzjoni sodisfaċenti ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u għandu jipprovdi spjegazzjonijiet dwar kif ġew evitati l-kunflitti ta' interess.

6. Meta jkun mistenni li l-awtorità responsabbli tkun entità li teżegwixxi fuq bażi regolari għal proġetti kofinanzjati mill-Fond:

(a) l-awtorità ta' verifika m'għandhiex tkun parti mill-istess entità bħall-awtorità responsabbli, għajr meta l-indipendenza fil-verifika tagħha tkun iggarantita u hija tirrapporta wkoll lil entità oħra barra mill-entità li hija u l-awtorità responsabbli jiffurmaw parti minnha;

(b) il-kompiti ta' l-awtorità responsabbli, kif iddefiniti fl-Artikolu 27 ta' l-att bażiku, m'għandhomx jiġu affettwati meta l-awtorità responsabbli timplimenta wkoll proġetti direttament.

7. Meta jkun mistenni li awtorità delegata tkun entità li teżegwixxi għal proġetti kofinanzjati mill-Fond, din l-awtorità delegata ma tistax tkun l-unika benefiċjarja finali ta' l-approprjazzjonijiet li ġiet iddelegata biex tiġġestixxi.

*L-Artikolu 9*

**Il-proċedura ta' l-għażla u ta' l-għotja meta l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li tagħmel l-għotjiet**

1. Is-sejħiet għall-proposti definiti fl-Artikolu 7(2) għandhom jiġu pubblikati b'mod li jiżgura pubbliċità massima fost il-benefiċjarji potenzali. Kwalunkwe bidla fil-kontenut tas-sejħiet għall-proposti għandha tiġi pubblikata fl-istess kondizzjonijiet.

Is-sejħiet għall-proposti għandhom jispeċifikaw:

(a) l-għanijiet;

▼B

(b) il-kriterji ta' għażla, li għandhom ikunu konformi ma' l-Artikolu 14 (5) ta' l-att bażiku u d-dokumenti ta' sostenn rilevanti;

(c) l-arranġamenti għal finanzjament Komunitarju, u jekk ikun applikabbli, għal finanzjament nazzjonali;

(d) l-arranġamenti u d-data finali biex jitressqu l-proposti.

2. Għall-finijiet ta' l-għażla tal-proġetti u ta' l-għoti ta' l-għotjiet, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-benefiċjarji potenzjali jiġu informati bil-kondizzjonijiet speċifiċi li ġejjin fir-rigward tal-proġetti li għandhom jiġu implimentati:

(a) ir-regoli ta' eliġibbiltà għan-nefqa;

(b) il-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni; u

(c) l-informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra li trid tinżamm u tiġi komunikata.

Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' l-għotja, l-awtorità responsabbli għandha tissodisfa ruħha li l-benefiċjarju finali u/jew l-imsieħba fil-proġett għandhom il-kapaċità li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet.

3. L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-proġetti li ngħataw għotjiet ikunu ġew suġġetti għal analiżi formali, teknika u baġitarja u għal valutazzjoni kwalitattiva li tapplika l-kriterji stabbiliti fis-sejħa għall-proposti. Ir-raġunijiet għar-rifjut tal-proġetti l-oħra għandhom jiġu reġistrati.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw min għandu jkollu l-poter li jagħti l-proġetti u għandhom jiżguraw li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati fil-każijiet kollha u, partikolarment, meta l-applikanti jkunu entitajiet nazzjonali.

5. Id-deċiżjoni ta' l-għotja għandha tindika, għallinqas, l-isem tal-benefiċjarju finali u/jew ta' l-imsieħba fil-proġett, id-dettalji essenzjali tal-proġett u l-għanijiet operattivi tiegħu, l-ammont massimu ta' kofinanzjament mill-Fond u r-rata massima ta' kofinanzjament ta' l-ispejjeż eliġibbli totali.

6. Lil kull applikant għandha tintbagħatlu informazzjoni bil-miktub dwar ir-riżultati tal-proċess ta' l-għażla li tinkludi spjegazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' l-għażla. Jekk ipprovduta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, għandha tissemma l-proċedura rilevanti ta' reviżjoni.

*L-Artikolu 10*

**Il-ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji finali meta l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li tagħmel l-għotjiet**

1. L-awtorità responsabbli għandha tistabbilixxi proċeduri dettaljati ta' ġestjoni tal-proġetti li jkopru, fost l-oħrajn:

(a) l-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja mal-benefiċjarji finali magħżula;

(b) l-azzjoni ta' segwitu tal-ftehimiet u kwalunkwe emenda li ssirilhom billi tiġi stabbilita sistema għall-monitoraġġ amministrattiv tal-proġetti (l-iskambju tal-korrispondenza, il-ħruġ u l-monitoraġġ ta' l-emendi u ittri ta' tfakkira, il-wasla u l-ipproċessar tar-rapporti, eċċ.).

2. Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jistabbilixxu, fost l-oħrajn:

(a) l-ammont massimu ta' l-għotja;

(b) il-persentaġġ massimu tal-kontribuzzjoni Komunitarja skond l-Artikolu 14(4) jew l-Artikolu 21(3) ta' l-att bażiku;

(c) deskrizzjoni dettaljata u skeda tal-proġett appoġġjat;

(d) jekk ikun applikabbli, il-parti tal-kompiti u l-ispejjeż relatati li l-benefiċjarju finali biħsiebu joffri b'sotto-kuntratt lil partijiet terzi;

▼B

(e) il-pjan miftiehem tal-baġit bikri u ta' finanzjament għall-proġett, inkluż il-persentaġġ fiss ta' l-ispejjeż indiretti kif iddefiniti fl-Anness 11 rigward ir-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa;

(f) l-iskeda u d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-ftehim (ir-rapportaġġ ta' l-obbligi, ta' l-emendi u tat-tmien);

(g) l-għanijiet operattivi tal-proġett u l-indikaturi li għandhom jintużaw;

(h) id-definizzjoni ta' spejjeż eliġibbli;

(i) il-kondizzjonijiet relatati mal-pagament ta' l-għotja u r-rekwiżiti taż-żamma tal-kotba;

(j) il-kondizzjonijiet relatati mar-rekord ta' verifika;

(k) id-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-protezzjoni tad-data;

(l) id-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-pubbliċità.

3. Fejn ikun xieraq, il-benefiċjarji finali għandhom jiżguraw li l-imsieħba kollha fil-proġett jiġu suġġetti għall-istess obbligi bħalhom. L-imsieħba għandhom jinvolvu r-responsabbiltà tagħhom permezz tal-benefiċjarju finali li jibqa' huwa li jwieġeb, fl-aħħar mill-aħħar, għar-rispett tal-kondizzjonijiet kuntrattwali minnu u mill-imsieħba kollha fil-proġett.

Il-benefiċjarji finali għandhom iżommu kopji ċertifikati tad-dokumenti ta' kontabbiltà li jiġġustifikaw id-dħul u n-nefqa li saru mill-imsieħba b'relazzjoni għall-proġett ikkonċernat.

4. Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jipprovdu b'mod espliċitu biex il-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jeżerċitaw il-poteri ta' kontroll tagħhom, abbażi tad-dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji finali, l-imsieħba fil-proġett u s-sottokuntratturi kollha.

*L-Artikolu 11*

**Il-kuntratti ta' implimentazzjoni**

Mingħajr preġudizzjoni għar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, il-ftehimiet ta' għotja għandhom jistabbilixxu li, meta jiġu implimentati l-proġetti, il-benefiċjarji finali u/jew l-imsieħba fil-proġett għandhom jagħtu l-kuntratt ta' l-akkwist pubbliku, wara proċedura ta' sejħa għall-offerti, lill-offerta li tagħti l-aħjar valur għall-flus u li tingħata attenzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess. Madankollu, mingħajr preġudizzju għar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, il-kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 5 000 jistgħu jingħataw abbażi ta' offerta waħda mingħajr sejħa għall-offerti.

*L-Artikolu 12*

**Id-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni Komunitarja finali**

Biex jiġi kalkulat il-pagament finali lill-benefiċjarju finali, il-kontribuzzjoni Komunitarja totali għal kull proġett għandha tkun l-aktar waħda baxxa mit-tliet ammonti li ġejjin:

(a) l-ammont massimu dikjarat fil-ftehim ta' għotja;

(b) il-kofinanzjament massimu li jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' l-ispejjeż totali eliġibbli tal-proġett ikkonċernat bil-persentaġġ stabbilit fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 21(3) ta' l-att bażiku (jiġifieri 50 %, 75 % jew 80 %); u

(c) l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nuqqas ta' qligħ, kif iddefinit fil-punt I.3.3 ta' l-Anness 11.

▼B

*L-Artikolu 13*

**L-għajnuna teknika**

1. L-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, kif iddefinita fl-Artikolu 15 ta' l-att bażiku, tista' tiġi finanzjata sa 100 % mill-Fond.

2. L-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri, kif iddefinita fl-Artikolu 16 ta' l-att bażiku, tista' tiġi finanzjata sa 100 % mill-Fond.

3. L-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' l-Istati Membri tista' tieħu l-forma ta' kuntratti ta' akkwist, ta' ħlasijiet lill-esperti u/jew ta' kwalunkwe nefqa amministrattiva suġġetta għar-regoli ta' eliġibbiltà definiti fil-Kapitolu 1 tal-Parti III.

*L-Artikolu 14*

**In-nefqa ta' l-għajnuna teknika fil-każ ta' awtorità komuni**

1. Meta awtorità maħtura waħda jew aktar tkun komuni għal tnejn jew aktar mill-erba' Fondi, l-appropriazzjonijiet għan-nefqa ta' l-għajnuna teknika fuq kull wieħed mill-programmi annwali konċernati jistgħu jiġu amalgamati, parzjalment jew b'mod sħiħ.

2. In-nefqa fuq l-għajnuna teknika għandha tiġi allokata bejn il-Fondi konċernati, preferibbilment abbażi ta' formuli ta' tqassim sempliċi u rappreżentattivi. L-applikazzjoni tal-formuli m'għandha twassal għall-ebda żjieda fl-ammont massimu tan-nefqa ta' l-għajnuna teknika fuq kull programm annwali konċernat.

*L-Artikolu 15*

**Il-verifiki mill-awtorità responsabbli**

1. Il-verifiki li għandhom isiru mill-awtorità responsabbli, jew taħt ir-responsabbiltà tagħha, skond l-Artikolu 27(1)(g) ta' l-att bażiku għandhom ikopru l-aspetti amministrattivi, finanzjarji, tekniċi u fiżiċi tal-proġetti, kif ikun xieraq.

Il-verifiki għandhom jiżguraw li n-nefqa dikjarata tkun reali u ġustifikata għall-fini tal-proġett, li l-proġetti li ngħataw ikunu saru skond il-ftehimiet ta' l-għotja, li l-kontribuzzjoni Komunitarja hija konformi mar-regoli, partikolarment dwar l-istruttura ta' finanzjament iddefinita fl-Artikolu 14 ta' l-att bażiku, li l-applikazzjonijiet għar-rimbors mill-benefiċjarju finali huma korretti u li l-proġetti u n-nefqa jikkonformaw mar-regoli Komunitarji u nazzjonali u jevitaw il-finanzjament doppju tan-nefqa bi skemi Komunitarji jew nazzjonali oħra u b'perijodi oħra ta' programmazzjoni.

Barra minn hekk, il-verifiki għandhom jinkludu:

(a) il-verifiki amministrattivi u finanzjarji ta' kull applikazzjoni għar-rimbors mibgħuta mill-benefiċjarji finali;

(b) il-verifiki, għallinqas fuq kampjun rappreżentattiv tad-dokumenti ta' appoġġ li jkopri l-intestaturi kollha tal-baġit anness mal-ftehim ta' għotja, tar-rilevanza, ta' l-eżattezza u ta' l-eliġibbiltà ta' l-infiq, tad-dħul u ta' l-infiq kopert mid-dħul assenjat iddikjarati mill-benefiċjarji finali;

(c) verifiki fuq il-post ta' proġetti individwali, għallinqas fuq kampjun li jirrappreżenta taħlita xierqa ta' tipi u ta' daqsijiet ta' proġetti u billi jitqies kwalunkwe fattur ta' riskju diġà identifikat, sabiex tinkiseb assikurazzjoni raġonevoli rigward il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti, fejn jitqies il-livell ta' riskju identifikat mill-awtorità reponsabbli.

Il-verifiki indikati fil-punti (a) u (b) m'għandhomx għalfejn isiru jekk jiġi impost obbligu fuq il-benefiċjarju finali li jipprovdi ċertifikat ta'

▼B

verifika mingħand awditur indipendenti li jkopri l-aspetti kollha msemmija fil-punti (a) u (b).

2. Għandhom jinżammu rekords ta' kull verifika, li jiddikjaraw ix-xogħol li sar, id-data, ir-riżultati u l-miżuri meħuda bħala reazzjoni għall-iżbalji li ġew skoperti. L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li d-dokumenti kollha ta' appoġġ rigward il-verifiki li saru jinżammu disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Qorti ta' l-Awdituri għal perijodu ta' ħames snin wara l-għeluq tal-proġett. Dan il-perjodu għandu jiġi interrott fil-każ ta' proċedimenti legali jew fuq it-talba debitament sostanzjata tal-Kummissjoni.

3. Fejn l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' entità li teżegwixxi taħt il-programm annwali, kif iddefinit fl-Artikolu 7(3), il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati skond il-prinċipju tas-separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet.

*L-Artikolu 16*

**Ir-rekord ta' verifika**

1. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 27(1)(k) ta' l-att bażiku, ir-rekord ta' verifika għandu jitqies li huwa adegwat jekk jikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

(a) jippermetti r-rikonċiljazzjoni ta' l-ammonti ċertifikati lill-Kummissjoni mar-rekords dettaljati tal-kontabbiltà u mad-dokumenti ta' appoġġ għand l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, l-awtorità responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-benefiċjarji finali fuq proġetti kofinanzjati taħt il-Fond;

(b) jippermetti l-verifika tal-pagament tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju finali, ta' l-allokazzjoni u tat-trasferiment tal-finanzjament Komunitajru li ngħata taħt il-Fond u tas-sorsi ta' kofinanzjament tal-proġett;

(c) jippermetti l-verifika ta' l-applikazzjoni tal-kriterji ta' l-għażla li ġew stabbiliti għall-programm annwali;

(d) fir-rigward ta' kull proġett, kif ikun xieraq, ikun fih l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-pjan ta' finanzjament, dokumenti li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' l-għotja, dokumenti relatati mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku u rapporti dwar il-verifiki u dwar il-verifiki finanzjarji li jkunu saru.

2. L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li jinżamm rekord tal-post fejn jinstabu d-dokumenti kollha relatati ma' pagamenti speċifiċi li jkunu saru taħt il-Fond.

*L-Artikolu 17*

**Il-verifiki tas-sistemi u l-verifiki tal-proġetti**

1. Il-verifiki msemmija fl-Artikolu 30(1)(a) u (b) ta' l-att bażiku għandhom isiru fuq is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri u fuq kampjun ta' proġetti magħżula permezz ta' metodu approvat mill-awtorità ta' verifika.

Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni għandu:

(a) jinkludi taħlita xierqa ta' tipi u ta' daqsijiet ta' proġetti;

(b) iqis kwalunkwe fattur ta' riskju li jkun ġie identifikat permezz ta' kontrolli nazzjonali jew Komunitarji u l-aspetti ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-verifiki.

Il-kampjun għandu jinkludi wkoll proġetti li ġew implimentati mill-awtorità responsabbli li tagħmilha ta' entità li teżegwixxi għallinqas fuq bażi proporzjonali.

Il-metodu użat sabiex jintgħażel il-kampjun għandu jiġi dokumentat.

▼B

2. Il-verifika fuq is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għandha tkopri kull wieħed mill-proċessi li ġejjin għallinqas darba qabel l-2013: il-programmazzjoni, id-delegazzjoni tal-kompiti, l-għażla u l-għotja, il-monitoraġġ tal-proġetti, il-pagament, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, ir-rapportaġġ lill-Kummissjoni, l-iskoperta u t-trattament ta' irregolaritajiet potenzjali u l-evalwazzjoni tal-programmi.

3. Il-verifiki tal-proġetti għandhom isiru fil-post abbażi tad-dokumentazzjoni u tar-rekords li jkollhom il-benefiċjarju finali u/jew l-imsieħba fil-proġett. Il-verifiki għandhom jikkontrollaw li:

(a) il-proġett jissodisfa l-kriterji ta' l-għażla għall-programm annwali, ġie implimentat skond il-ftehim ta' għotja u jissodisfa kwalunkwe kondizzjoni applikabbli li tikkonċerna l-funzjonalità u l-użu tiegħu jew l-għanijiet li għandhom jintlaħqu;

(b) in-nefqa dikjarata tikkorrispondi għar-rekords tal-kontabbiltà u għad-dokumenti ta' sostenn li għandhom il-benefiċjarju finali u/jew l-imsieħba fil-proġett, u dawk ir-rekords jikkorrispondu għad-dokumenti ta' sostenn li għandha l-awtorità responsabbli jew kwalunkwe entità delegata;

(c) l-elementi tan-nefqa jikkorrispondu għar-rekwiżiti ta' eliġibblità stabbiliti fl-Anness 11, għar-rekwiżiti speċifikati matul il-proċedura nazzjonali ta' l-għażla, għat-termini tal-ftehim ta' għotja u għax-xogħlijiet li jkunu saru effettivament u, fejn ikun xieraq, għal regoli oħra Komunitarji u nazzjonali;

(d) l-użu jew l-użu intenzjonat tal-proġett huwa konsistenti ma' l-għanijiet, ma' l-azzjoni jew mal-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 3, 5 u 16 ta' l-att bażiku u, fejn ikun xieraq, ikopri l-popolazzjoni fil-mira;

(e) il-kontribuzzjoni pubblika jew privata tħallset lill-benefiċjarju finali skond l-Artikolu 14(2) ta' l-att bażiku;

(f) hemm rekord ta' verifika adegwat;

(g) mhemm l-ebda kunflitt ta' interess u nkiseb valur tajjeb għall-flus, partikolarment f'każijiet fejn l-awtorità responsabbli tagħmilha ta' l-entità li teżegwixxi tal-proġett.

4. Hija biss in-nefqa fl-ambitu ta' verifika li saret skond il-paragrafu 3 li għandha titqies fir-rigward ta' l-ammont ta' nefqa verifikat għall-fini ta' l-Artikolu 30(1)(b) ta' l-att bażiku. Jekk il-verifika titwettaq qabel ma jkun ingħalaq il-proġett, biex tiġi kalkulata r-rata ta' kopertura titqies biss in-nefqa effettivament ivverifikata.

5. Fejn il-problemi skoperti jidher li huma ta' natura sistemika u għalhekk jistgħu jinvolvu riskju għal proġetti oħra, l-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li jsir eżami ulterjuri, inklużi, fejn ikun meħtieġ, verifiki addizzjonali biex tiġi stabbilita l-iskala ta' tali problemi. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jieħdu l-miżuri preventivi u korrettivi meħtieġa.

6. L-awtorità ta' verifika għandha tiġbed konklużjonijiet abbażi tar-riżultati tal-verifiki relatati man-nefqa dikjarata lill-Kummissjoni u għandha tikkomunika l-konklużjonijiet lill-Kummissjoni fir-rapport ta' verifika annwali. Fil-programmi annwali li għalihom ir-rata ta' żball hija 'l fuq mil-livell ta' materjalità ta' 2 % tal-kontribuzzjoni Komunitarja, l-awtorità ta' verifika għandha tanalizza s-sinifikat ta' dan l-iżball u għandha tieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż li tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa, li għandhom jiġu komunikati għallinqas fir-rapport ta' verifika annwali.

*L-Artikolu 18*

**Il-verifiki mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni**

1. F'każijiet fejn l-awtorità ta' verifika tagħti opinjoni kwalifikata jew opinjoni avversa dwar il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tivverifika li din l-infor-

▼B

mazzjoni intbagħtet lill-Kummissjoni. Hija għandha wkoll tiżgura li, min-naħa ta' l-awtorità responsabbli, ġie implimentat pjan ta' azzjoni adegwat sabiex jiġu stabbiliti mill-ġdid sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li effettivament jiffunzjonaw u jiġi valutat l-impatt tal-funzjonament ħażin fuq id-dikjarazzjoni tan-nefqa.

2. Jekk il-talba għall-pagament jew id-dikjarazzjoni ta' rimbors ma tkunx ivvalidata mill-awtorità ta' verifika għar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tiżgura li talba korretta għall-pagament jew dikjarazzjoni korretta ta' rimbors tiġi stabbilita mingħajr dewmien.

*KAPITOLU 3*

***L-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta dwar l-użu tal-Fond***

*L-Artikolu 19*

**Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

1. Skond l-Artikolu 9(2) ta' l-att bażiku, l-estent li l-informazzjoni disponibbli għal Stat Membru dwar l-użu tal-Fond tiġi trażmessa lill-Kummissjoni fid-dokumenti msemmija f'dan il-kapitolu jista' jkun proporzjonali għall-ammont tal-kontribuzzjoni Komunitarja allokata lill-Istat Membru konċernat u, fejn ikun xieraq, din l-informazzjoni tista' tiġi provduta f'forma mqassra.

2. Madankollu, fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe każ jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata. Il-Kummissjoni tista' titlob din l-informazzjoni jekk jidher li tkun meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tissodisfa effettivament l-obbigi tagħha skond l-att bażiku u r-Regolament Finanzjarju.

*L-Artikolu 20*

**Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

1. Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll imsemmija fl-Artikoli 31(4) u 32(2) ta' l-att bażiku għandha titressaq skond il-mudell fl-Anness 1.

2. L-awtorità responsabbli għandha tivvalida d-deskrizzjoni tas-sistemi implimentati minn kwalunkwe awtorità delegata. Kull waħda mill-awtoritajiet maħtura għandha tikkonferma l-eżattezza tad-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li għandhom x'jaqsmu magħha. Barra dan, l-awtorità ta' verifika għandha tikkonferma wkoll il-kompletezza tad-deskrizzjoni.

3. Meta teżamina d-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob kjarifiki u tipproponi miżuri biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet iddefiniti fl-att bażiku. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jsiru żjarat fil-post mill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew mir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni.

4. Jekk l-awtorità responsabbli tkun l-istess għal tnejn jew aktar mill-erba' Fondi jew fejn sistemi komuni japplikaw għal tnejn jew aktar mill-Fondi, tista' titressaq deskrizzjoni tas-sistemi komuni ta' ġestjoni u ta' kontroll li tagħmel enfasi, fejn ikun xieraq, fuq kwalunkwe fattur speċifiku.

*L-Artikolu 21*

**Ir-reviżjoni tad-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

1. L-awtorità responsabbli għandha:

(a) meta tressaq l-abbozz tal-programm annwali, tirrapporta jekk ikunux saru bidliet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;

▼B

(b) tinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sostanzjali, mhux iktar tard minn meta kwalunkwe bidla bħal din tkun daħlet fis-seħħ;

(c) fuq it-talba tal-Kummissjoni, tipprovdi deskrizzjoni riveduta fil-każ ta' bidliet sostanzjali multipli.

2. Il-bidliet sostanzjali huma bidliet li x'aktarx ikollhom impatt fuq is-separazzjoni tal-funzjonijiet, fuq l-effettività tal-mekkaniżmi ta' l-għażla, ta' l-għotja, tal-kontroll u tal-pagament u fuq il-komunikazzjoni mal-Kummissjoni. Għandhom jinkludu, partikolarment, il-bidliet f'waħda mill-awtoritajiet maħtura, fis-sistema ta' kontabbiltà u fil-proċessi ta' pagament u ta' ċertifikazzjoni.

3. Ir-reviżjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għandha ssegwi l-istess proċedura hekk kif ġie stabbilit fl-Artikolu 20.

*L-Artikolu 22*

**Id-dokumenti ta' programmazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni programm pluriennali, kif imsemmi fl-Artikolu 18 ta' l-att bażiku, skond il-mudell fl-Anness 2.

2. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni l-programmi annwali, kif imsemmija fl-Artikolu 20 ta' l-att bażiku, skond il-mudell fl-Anness 3.

3. Il-pjanijiet finanzjarji marbuta mal-programm pluriennali għandhom jippreżentaw tqassim ta' l-ammonti bbaġitjati skond il-prijorità, kif ġie definit fil-linji ta' gwida strateġiċi.

Il-pjanijiet finanzjarji marbuta mal-programmi annwali għandhom jippreżentaw tqassim ta' l-ammonti bbaġitjati skond il-kategorija ta' azzjoni, kif ġie definit fl-Artikolu 3(1) ta' l-att bażiku, b'referenza għall-prijoritajiet.

*L-Artikolu 23*

**Ir-reviżjoni tat-tqassim finanzjarju fi programmi annwali**

▼M1

1. Sabiex jiġi rivedut il-programm annwali approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20(5) tal-att bażiku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jressaq abbozz tal-programm annwali rivedut lill-Kummissjoni mill-inqas tliet xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' eleġibbiltà. Il-Kummissjoni għandha teżamina u, mill-aktar fis possibbli, tapprova l-programm rivedut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(5) tal-att bażiku.

▼B

2. Il-bidliet fit-tqassim finanzjarju, mingħajr ma tkun saret reviżjoni tal-programm annwali skond il-paragrafu 1, m'għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjoni totali mill-Fond u għandhom jitħallew isiru biss f'ċirkostanzi ġustifikati minn kawżi lilhinn mill-kontroll ta' l-awtorità responsabbli. Fir-rapport ta' progress u/jew fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali, għandha tiġi provduta spjegazzjoni adegwata għal bidliet bħal dawn.

*L-Artikolu 24*

**►M2 Progress u rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali u talbiet għal pagamenti ◄**

1. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni ir-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u t-talbiet ta' pagament, kif imsemmi fl-Artikolu 39(4) ta' l-att bażiku, skond il-mudell fl-Anness 4.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni ir-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u t-talbiet ta' pagament, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(b) ta' l-att bażiku, skond il-mudell fl-Anness 5.

3. It-tabelli finanzjarji marbuta mar-rapporti ta' progress u mar-rapporti finali għandhom jippreżentaw tqassim ta' l-ammonti kemm skond il-prijorità, kif ġie definit fil-linji ta' gwida strateġiċi, u skond il-proġetti għal kull kategorija ta' azzjoni, kif ġie definit fl-Artikolu 3(1) ta' l-att bażiku.

▼M2

4. B'referenza għall-Artikolu 39(3) u (4) tal-att bażiku, it-total kumulattiv tal-pagamenti ta' qabel il-finanzjament li jsir lil Stat Membru m'għandux jeċċedi 90 % tal-ammont totali allokat lil tali Stat Membru dan fid-deċiżjoni finanzjarja li tapprova l-programm annwali.

Fejn Stat Membru impenja ruħu fuq livell nazzjonali għal anqas mill-ammont totali allokat mid-deċiżjoni finanzjarja li tapprova l-programm annwali, it-total kumulattiv tal-pagamenti ta' qabel il-finanzjament m'għandux jeċċedi 90 % tal-ammont li ġie impenjat fuq livell nazzjonali.

▼B

*L-Artikolu 25*

**Id-dokumenti stabbiliti mill-awtorità ta' verifika**

1. L-istrateġija ta' verifika msemmija fl-Artikolu 30(1)(c) ta' l-att bażiku għandha tiġi stabbilita skond il-mudell fl-Anness 6.

2. Mill-2009, l-awtorità ta' verifika għandha tressaq pjan ta' verifika annwali qabel il-15 ta' Frar ta' kull sena, ħlief meta kull wieħed mill-aħħar żewġ programmi annwali adottati mill-Kummissjoni jikkorrispondi għal kontribuzzjoni Komunitarja annwali taħt EUR 1 miljun. Il-pjan ta' verifika għandu jiġi stabbilit bħala anness għall-istrateġija ta' verifika skond il-mudell fl-Anness 6. Fil-każ ta' strateġija ta' verifika kombinata, kif ġie provdut fl-Artikolu 30(2) ta' l-att bażiku, jista' jitressaq pjan ta' verifika annwali kombinata.

3. Ir-rapport ta' verifika u l-opinjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30(3)(a) u 30(3)(b) ta' l-att bażiku għandhom ikunu bbażati fuq il-verifiki tassistemi u fuq il-verifiki tal-proġetti li saru skond l-istrateġija ta' verifika u għandhom jitfasslu skond il-mudelli fl-Annessi 7.A u 7.B.

4. Id-dikjarazzjoni ta' validità msemmija fl-Artikolu 30(3)(c) ta' l-att bażiku għandha tkun ibbażata fuq ix-xogħol ta' verifika kollu li sar mill-awtorità ta' verifika u, jekk ikun meħtieġ, fuq kontrolli addizzjonali. Id-dikjarazzjoni ta' validità għandha titfassal skond il-mudell fl-Anness 7.C.

5. Jekk ikun hemm kwalunkwe limitazzjoni għall-ambitu ta' l-eżami jew jekk il-livell tan-nefqa irregolari skoperta ma jippermettix li tingħata opinjoni mhux kwalifikata għall-opinjoni annwali msemmija fl-Artikolu 30(3)(b) ta' l-att bażiku jew fid-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (c) ta' l-istess Artikolu, l-awtorità ta' verifika għandha tagħti r-raġunijiet u tistma l-iskala tal-problema u l-impatt finanzjarju tagħha.

*L-Artikolu 26*

**Id-dokumenti stabbiliti mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni**

1. Id-dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa relatata mat-talba għal pagament ta' pre-finanzjament ieħor imsemmija fl-Artikolu 39(4) ta' l-att bażiku għandha titfassal u tiġi trażmessa lill-Kummissjoni fil-format ta' l-Anness 8.

▼B

2. Id-dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa relatata mat-talba għal pagament finali msemmija fl-Artikolu 40(1)(a) ta' l-att bażiku għandha titfassal u tiġi trażmessa lill-Kummissjoni fil-format ta' l-Anness 9.

*KAPITOLU 4*

***Ir-rapportaġġ ta' l-irregolaritajiet***

*L-Artikolu 27*

**Ir-rapportaġġ inizjali – id-derogi**

1. Skond il-mudelli fl-Annessi 4 u 5, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kwalunkwe irregolarità li kienet is-suġġett ta' sejba primarja amministrattiva jew ġudizzjarja fir-rapporti ta' progress jew fir-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali:

Ir-rapport għandu jindika:

(a) il-Fond, il-programm annwali u l-proġett ikkonċernat;

(b) id-dispożizzjoni li nkisret;

(c) id-data u s-sors ta' l-ewwel informazzjoni li wasslet biex jiġi suspettat li saret irregolarità;

(d) il-prattiki użati fit-twettiq ta' l-irregolarità;

(e) fejn ikun xieraq, jekk il-prattika tagħtix lok għal suspett ta' frodi;

(f) il-mod li bih ġiet skoperta l-irregolarità;

(g) l-ammont tal-kontribuzzjoni Komunitarja konċernata.

Madankollu, il-każijiet li ġejjin mhemmx għalfejn jiġu rapportati, ħlief f'każijiet ta' suspett ta' frodi:

(a) każijiet fejn l-irregolaritajiet ikunu relatati ma' ammonti ta' inqas minn EUR 10 000 li jridu jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej;

(b) każijiet fejn l-irregolarità tikkonsisti biss fin-nuqqas ta' implimentazzjoni, b'mod sħiħ jew parzjali, ta' proġett inkluż fil-programm annwali minħabba li l-benefiċjarju finali falla;

(c) każijiet li nġiebu għall-attenzjoni ta' l-awtorità responsabbli mill-benefiċjarju finali b'mod volontarju u qabel ma ġew skoperti mill-awtorità responsabbli, sew qabel jew wara l-pagament tal-kontribuzzjoni pubblika;

(d) każijiet skoperti u kkorreġuti mill-awtorità responsabbli qabel ma sar kwalunkwe pagament tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju finali u qabel ma n-nefqa konċernata ġiet inkluża f'dikjarazzjoni ta' nefqa mressqa quddiem il-Kummissjoni.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, fil-każijiet kollha, l-Istati Membri għandhom jagħtu aktar dettalji rigward:

(a) fejn ikun xieraq, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi l-oħra involuti;

(b) il-perjodu li matulu, jew il-mument li fih, twettqet l-irregolarità;

(c) l-awtoritajiet nazzjonali jew l-entitajiet li fasslu r-rapport uffiċjali dwar l-irregolarità u l-awtoritajiet responsabbli għall-azzjoni ta' segwitu amministrattiva jew ġudizzjarja;

(d) id-data meta ġiet stabbilita s-sejba primarja amministrattiva jew ġudizzjarja dwar l-irregolarità;

(e) l-identità tal-persuni naturali u legali involuti jew ta' kwalunkwe entità oħra parteċipanti, ħlief fejn din l-informazzjoni hija irrilevanti

▼B

għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-irregolaritajiet, minħabba n-natura ta' l-irregolarità konċernata;

(f) il-baġit totali u l-kontribuzzjoni pubblika approvata għall-proġett u t-tqassim tal-kofinanzjament tiegħu bejn il-Komunità u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali;

(g) l-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika li ġie affettwat mill-irregolarità u l-kontribuzzjoni Komunitarja korrispondenti li tinsab f'riskju;

(h) fejn ma sar l-ebda pagament tal-kontribuzzjoni pubblika, imsemmija fil-punt (g), lil nies jew lil entitajiet oħra identifikati, l-ammonti li kienu se jitħallsu indebitament kieku l-irregolarità ma ġietx identifikata;

(i) is-sospensjoni tal-pagamenti, fejn ikun applikabbli, u l-possibbiltajiet ta' rkupru;

(j) in-natura tan-nefqa irregolari.

3. Fejn parti mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, partikolarment dwar il-prattiki użati biex titwettaq l-irregolarità u dwar il-mod li bih l-irregolarità ġiet skoperta, ma tkunx disponibbli, safejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni nieqsa meta jgħaddu r-rapporti sussegwenti dwar l-irregolaritajiet lill-Kummissjoni.

*L-Artikolu 28*

**Ir-rapportaġġ ta' l-azzjoni ta' segwitu – In-nuqqas ta' rkupru**

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, b'referenza għal kwalunkwe rapport preċedenti li sar skond l-Artikolu 27, bil-proċeduri istitwiti fir-rigward ta' l-irregolaritajiet kollha li ġew innotifikati qabel u b'bidliet sinifikanti li jirriżultaw minnhom. Din l-informazzjoni għandha tingħata fir-rapporti ta' progress jew fir-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali skond il-mudelli fl-Annessi 4 u 5.

Ir-rapport għandu jindika l-ammonti li ġew, jew li mistennija jiġu rkuprati.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, fil-każijiet kollha, l-Istati Membri għandhom jagħtu aktar dettalji rigward:

(a) kwalunkwe miżura *interim* meħuda mill-Istati Membri biex jissalvagwardjaw l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament;

(b) kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u amministrattiva li ġiet istitwita bil-għan li jiġu rkuprati s-somom imħallsa indebitament u biex jiġu imposti sanzjonijet;

(c) ir-raġunijiet għal kwalunkwe abbandun tal-proċeduri ta' rkupru;

(d) ir-raġunijiet għal kwalunkwe abbandun tal-prosekuzzjonijiet kriminali.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni id-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji kollha li jtemmu tali proċeduri, jew il-punti ewlenin tagħhom, u għandhom jiddikjaraw, partikolarment, jekk is-sejbiet humiex tali li tiġi suspettata frodi jew le.

*L-Artikolu 29*

**Il-kuntatti ma' l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm kuntatti xierqa ma' l-Istati Membri konċernati sabiex tiġi supplimentata l-informazzjoni provduta dwar l-irregolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 27 u dwar il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 28 dwar il-possibbiltà ta' rkupru.

▼B

2. Indipendentement mill-kuntatti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri f'każijiet fejn in-natura ta' l-irregolarità tkun tali li tissuġġerixxi li fi Stati Membri oħra jistgħu jseħħu prattiki identiċi jew simili.

*L-Artikolu 30*

**L-użu ta' l-informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tuża kwalunkwe informazzjoni ta' natura ġenerali jew operattiva li ġiet ikkomunikata mill-Istati Membri skond din id-Deċiżjoni biex tagħmel analiżijiet tar-riskji, u, abbażi ta' l-informazzjoni miksuba, tista' tipproduċi rapporti u tiżviluppa sistemi ta' twissija bikrija li jservu biex jidentifikaw ir-riskji b'mod aktar effettiv.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Istati Membri konċernati dwar l-użu li jkun sar mill-informazzjoni taħt il-paragrafu 1.

*KAPITOLU 5*

***L-informazzjoni u l-pubbliċità***

*L-Artikolu 31*

**L-informazzjoni għall-benefiċjarji finali potenzjali**

1. L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-indikazzjonijiet ewlenin dwar il-programmi pluriennali u l-programmi annwali jkunu mifruxa b'mod wiesa', bid-dettalji tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji konċernati, u li jkunu disponibbli għall-partijiet kollha interessati.

Madankollu, l-awtorità responsabbli tista' tiddeċiedi li żżomm kunfidenzjali l-arranġamenti ta' ġestjoni interna stabbiliti fil-programm pluriennali jew fil-programmi annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma' l-implimentazzjoni tal-Fond għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika.

2. L-awtorità responsabbli għandha tipprovdi lill-benefiċjarji finali potenzjali għallinqas bl-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt programm anwali;

(b) deskrizzjoni tal-proċeduri biex jiġu eżaminati applikazzjonijiet għal finanzjament u l-perjodi ta' żmien involuti;

(c) il-kriterji biex jiġu magħżula l-proġetti li għandhom jiġu finanzjati;

(d) il-kuntatti li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-programmi annwali.

Minbarra dan, l-awtorità responsabbli għandha tinforma lill-benefiċjarji finali potenzjali bil-pubblikazzjoni kif inhu provdut fl-Artikolu 33(2)(b).

*L-Artikolu 32*

**L-informazzjoni għall-benefiċjarji finali**

L-awtorità responsabbli għandha tinforma lill-benefiċjarji finali li l-aċċettazzjoni tal-finanzjament timplika li jkunu qed jaċċettaw ukoll li jiġu inklużi fil-lista tal-benefiċjarji finali pubblikata skond l-Artikolu 33(2)(b).

▼B

*L-Artikolu 33*

**Ir-responsabbiltajiet ta' l-awtorità responsabbli relatati ma' l-informazzjoni u mal-pubblikità għall-pubbliku ġenerali**

1. L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubblikità jiġu implimentati bil-għan li jkollhom l-aktar kopertura wiesgħa possibbli mill-midja billi jużaw diversi forom u metodi ta' komunikazzjoni fuq il-livell territorjali xieraq.

2. L-awtorità responsabbli għandha torganizza għallinqas il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubblikità li ġejjin:

(a) għallinqas attività waħda ta' informazzjoni fis-sena, li tippreżenta, mill-2008, it-tnedija tal-programm pluriennali jew il-kisbiet tal-programm(i) annwali;

(b) pubblikazzjoni annwali, għallinqas fuq sit web, tal-lista tal-benefiċjarji finali, l-ismijiet tal-proġetti u l-ammont ta' finanzjament pubbliku u Komunitarju allokat lilhom. L-individwi li jappartjenu lill-gruppi fil-mira li ġew iddefiniti fl-Artikolu 6 ta' l-att bażiku m'għandhomx jissemmew. L-indirizz tas-sit web għandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni.

*L-Artikolu 34*

**Ir-responsabbiltajiet tal-benefiċjarji finali relatati ma' l-informazzjoni u mal-pubblikità għall-pubbliku ġenerali**

1. Il-benefiċjarju finali għandu jkun responsabbli biex jinforma lill-pubbliku, permezz tal-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, dwar l-għajnuna miksuba mill-Fond.

2. Il-benefiċjarju finali għandu jwaħħal plakka prominenti u permanenti li tkun ta' daqs sinifikanti mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jiġi kompletat kwalunkwe proġett li jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjoni Komunitarja totali tal-proġett teċċedi EUR 100 000; u

(b) l-operazzjoni tikkonsisti mix-xiri ta' oġġett fiżiku jew mill-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura jew ta' kostruzzjoni.

Fuq il-plakka għandu jkun hemm it-tip u l-isem tal-proġett. Barra dan, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 għandha tieħu għallinqas 25 % tal-plakka.

3. Fejn proġett jingħata finanzjament taħt programm annwali li huwa kofinanzjat mill-Fond, il-benefiċjarju finali għandu jiżgura li dawk li qed jieħdu sehem fil-proġett ġew informati b'dak il-finanzjament.

4. Kwalunkwe dokument, inkluż kwalunkwe ċertifikat ta' attendenza jew ċertifikat ieħor, li jikkonċerna tali proġetti għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-proġett qed ikun kofinanzjat mill-Fond.

*L-Artikolu 35*

**Il-karatteristiċi tekniċi ta' l-informazzjoni u tal-pubblikità għall-operazzjoni**

Il-miżuri kollha ta' informazzjoni u ta' pubblikità immirati lejn il-benefiċjarji finali, il-benefiċjarji finali potenzjali u l-pubbliku ġenerali għandhom jinkludu:

(1) l-emblema ta' l-Unjoni Ewropea, skond l-istandards grafiċi indikati fl-Anness 10 u referenza għall-Unjoni Ewropea;

(2) referenza għall-Fond;

(3) dikjarazzjoni magħżula mill-awtorità responsabbli, li tagħmel enfasi fuq il-valur miżjud tal-kontribuzzjoni mill-Komunità.

▼B

Għal oġġetti promozzjonali żgħar jew għal oġġetti promozzjonali marbuta ma' tnejn jew aktar mill-erba' Fondi, il-punti 1 u 3 m'għandhomx japplikaw.

*KAPITOLU 6*

***Id-data personali***

*L-Artikolu 36*

**Il-protezzjoni tad-data personali**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ma jħallux li jkun hemm xi kxif mhux awtorizzat ta', jew aċċess illeġittimu għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(1)(h) ta' l-att bażiku, għall-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni waqt il-kontrolli tagħha fil-post u għall-informazzjoni msemmija fil-Kapitolu 4.

2. L-informazzjoni msemmija fil-Kapitolu 4 m'għandhiex tintbagħat lil persuni għajr dawk fl-Istati Membri jew fl-istituzzjonijiet Komunitarji li dmirijiethom jeħtieġu li jkollhom aċċess għaliha, sakemm l-Istat Membru li jipprovdi tali informazzjoni ma jkunx qabel espressament dwar dan.

*KAPITOLU 7*

***L-iskambju elettroniku tad-dokumenti***

*L-Artikolu 37*

**L-iskambju elettroniku tad-dokumenti**

Minbarra l-verżjonijiet fuq il-karti debitament iffirmati tad-dokumenti msemmija fil-Kapitolu 3, l-informazzjoni għandha tintbagħat ukoll, kulmeta jkun possibbli, permezz ta' mezzi elettroniċi.

*L-Artikolu 38*

**Is-istema kompjuterizzata għall-iskambju tad-dokumenti**

1. Jekk il-Kummissjoni tiżviluppa sistema kompjuterizzata għal skambju sigur tad-data bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-Fond, l-Istati Membri għandhom jiġu informati bl-iżvilupp ta' kwalunkwe sistema kompjuterizzata bħal din u, fuq it-talba tagħhom, jiġu involuti f'dan l-iżvilupp.

2. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maħtura, flimkien ma' l-entitajiet li lilhom ġew delegati l-kompiti, għandhom jirreġistraw id-dokumenti msemmija fil-Kapitolu 3 fis-sistema kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1.

3. Minbarra dan, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna biex volontarjament jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 27 u 28 billi jużaw is-sistema speċifika eżistenti ġestita mill-Kummissjoni għall-ġbir ta' l-irregolaritajiet skoperti taħt il-Fondi Strutturali.

4. Kwalunkwe spiża ta' kollegament (*interface*) bejn is-sistema kompjuterizzata komuni u sistemi kompjuterizzati nazzjonali, reġjonali u lokali u kwalunkwe spiża biex jiġu adattati s-sistemi nazzjonali reġjonali u lokali għar-rekwiżiti tekniċi tas-sistema komuni għandhom ikunu eliġibbli skond l-Artikolu 16 ta' l-att bażiku.

▼B

PARTI III

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-FOND EWROPEW GĦAR-REFUĠJATI**

*KAPITOLU 1*

***Ir-regoli ta' eliġibbiltà***

*L-Artikolu 39*

**Ir-regoli ta' eliġibbiltà**

1. Ir-regoli stabbiliti fl-Anness 11 għandhom jintużaw biex tiġi determinata l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq azzjoni finanzjata taħt il-programmi annwali msemmija fl-Artikolu 35(4) ta' l-att bażiku.

2. Ir-regoli huma applikabbli għan-nefqa li tkun saret mill-benefiċjarji finali u għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għan-nefqa li saret mill-imsieħba fil-proġett.

3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà li huma aktar rigoruż minn dawk stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

Għandha tkun il-Kummissjoni li tevalwa jekk ir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà applikabbli jikkonformawx ma' din il-kondizzjoni.

*KAPITOLU 2*

***Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll***

*L-Artikolu 40*

**Il-miżuri ta' emerġenza**

1. L-applikazzjonijiet għall-miżuri ta' emerġenza għandhom jiġi ppreżentati mill-awtorità responsabbli skond il-mudell fl-Anness 12.

2. Kwalunkwe adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza mill-Kummissjoni għandha twassal għal emenda għad-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali ta' l-Istat Membru konċernat. L-emenda għandha tindika l-ammont allokat lill-Istat Membru konċernat, il-perjodu li n-nefqa tkun eliġibbli għalih u, fejn ikun xieraq, id-deroga mir-regoli ta' eliġibbità għan-nefqa definiti fl-Anness 11 b'relazzjoni għall-azzjoni elenkata fl-Artikolu 5 ta' l-att bażiku.

3. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandu jiġi inkluż fir-rapport ta' progress u fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali konċernat.

4. L-ewwel pagament ta' finanzjament minn qabel, li jkun daqs 80 % ta' l-ammont allokat għall-miżuri ta' emerġenza, għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2. Il-bilanċ għandu jitħallas meta l-istess pagament isir għall-programm annwali konċernat.

*L-Artikolu 41*

**L-ammont fiss għall-persuni li ġew allokati mill-ġdid**

1. Għall-ammont fiss għall-persuni li ġew allokati mill-ġdid, kif inhu provdut fl-Artikolu 13(3) ta' l-att bażiku, l-awtorità resposnabbli, matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 43 ta' l-att bażiku, għandha:

(a) iżżomm l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' ssir identifikazzjoni xierqa tal-persuni li ġew allokati mill-ġdid u tad-data ta' l-allokazzjoni mill-ġdid tagħhom;

▼B

(b) iżżomm l-evidenza meħtieġa li dawn il-persuni jaqgħu f'waħda mill-erba' kategoriji definiti fl-Artikolu 13(3) ta' l-att bażiku.

2. Il-persuni għandhom jiġu allokati mill-ġdid matul is-sena kalendarja li tikkorrispondi għall-programm annwali.

3. Ir-rapporti ta' progress u r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali għandhom isemmu n-numru ta' persuni li ġew allokati mill-ġdid skond l-erba' kategoriji definiti fl-Artikolu 13(3) ta' l-att bażiku.

*L-Artikolu 42*

**L-implimentazzjoni tal-programmi annwali**

1. Bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 23, waqt l-implimentazzjoni tal-programm annwali:

(a) il-kontribuzzjoni Komunitarja allokata għall-persuni li ġew allokati mill-ġdid iddefiniti fl-Artikolu 13(3) ta' l-att bażiku m'għandhiex tintuża għal azzjoni oħra;

(b) il-kontribuzzjoni Komunitarja allokata għall-miżuri ta' emerġenza definiti fl-Artikolu 21 ta' l-att bażiku m'għandhiex tintuża għal azzjoni oħra.

2. It-total tar-riżorsi annwali msemmija fl-Artikolu 14(7) ta' l-att bażiku rigward il-limitu ta' 15 % għall-azzjoni implimentata skond l-Artikolu 3(4) ta' dik id-Deċiżjoni jiġi kalkulat b'referenza għall-ammont iffissat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm annwali, mingħajr ma titqies kwalunkwe riżorsa addizzjonali allokata għall-miżuri ta' emerġenza.

PARTI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*L-Artikolu 43*

**Id-destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika ta' l-Estonja, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika ta' l-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju ta' l-Olanda, lir-Repubblika ta' l-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju ta' l-Iżvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

▼B

*ANNESSI*


| | |
|---|---|
| ANNESS 1 | **Deskrizzjoni mudell tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll** |
| ANNESS 2 | **Programm mudell pluriennali** |
| ANNESS 3 | **Programm mudell annwali** |
| ANNESS 4 | **Rapport ta' progress mudell dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali** |
| | A. Rapport tekniku |
| | B. Talba għat-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel |
| ANNESS 5 | **Rapport finali mudell dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali** |
| | A. Rapport tekniku |
| | B. Talba għal pagament tal-bilanċ/Dikjarazzjoni ta' rimbors |
| ANNESS 6 | **Strateġija mudell ta' verifika** |
| | Anness(i) għall-istrateġija ta' verifika: Il-pjanijiet annwali |
| ANNESS 7 | **Rapport mudell mill-awtorità ta' verifika** |
| | A. Rapport ta' verifika annwali |
| | B. Opinjoni dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll |
| | C. Validazzjoni tat-talba għall-pagament |
| ANNESS 8 | **Dikjarazzjoni mudell tan-nefqa għat-tieni finanzjament minn qabel** |
| ANNESS 9 | **Dikjarazzjoni mudell tan-nefqa għall-pagament tal-bilanċ** |
| ANNESS 10 | **Struzzjonijiet li jikkonċernaw l-emblema u d-definizzjoni tal-kuluri standard** |
| ANNESS 11 | **Regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa il-fond ewropew għar-refuġjati** |
| ANNESS 12 | **Applikazzjoni għall-miżuri ta' emerġenza** |

▼B

*ANNESS 1:*

**DESKRIZZJONI TAL-MUDELL TA' ĠESTJONI U S-SISTEMI TA' KONTROLL**

☐ verżjoni inizjali

☐ verżjoni riveduta (numru, data jj/xx/sena) li ssegwi d-djalogu mal-Kummissjoni

☐ verżjoni riveduta għal raġunijiet oħra

| |
|---|
| STAT MEMBRU: |
| FOND(I): |
| PUNT EWLIENI TA' KUNTATT: |
| L-INFORMAZZJONI MOGĦTIJA TIDDESKRIVI S-SITWAZZJONI FL-: …… |

1. IDENTIFIKAZZJONI TA' L-AWTORITAJIET MAĦTURA

1.1 Informazzjoni ġenerali ta' l-awtoritajiet maħtura

1.1.1 Deskrizzjoni qasira ta' l-għażliet magħmula dwar il-ħatra ta' awtoritajiet differenti

1.1.2 Indikazzjoni dwar jekk dawn is-sistemi ta' kontroll u ġestjoni humiex jaħdmu

Jekk le, indikazzjoni tad-data meta se jibdew jaħdmu

1.1.3 Indikazzjoni dwar jekk dawn is-sistemi ta' kontroll kinux akkreditati mill-Kummissjoni għal strumenti oħra finanzjarji tal-Komunità (jekk applikabbli)

1.2 Ċart(s) ta' l-organizzazzjoni tal-korp(i) kollha fi fihom ikunu qed jiffunzjonaw l-awtoritajiet maħtura

1.3 Awtorità responsabbli

1.3.1 Id-data u l-forma tal-ħatra formali ta' l-awtorità responsabbli

1.3.2 L-istatus legali ta' l-awtorità responsabbli

1.3.3 Speċifikazzjoni tal-funzjoni li ssir direttament mill-awtorità responsabbli u (jekk ikun applikabbli u/jew previst) minn korpi oħra taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità responsabbli (kompiti li jingħataw barra, eskluži l-kompiti li jingħataw lill-awtorità/awtoritajiet iddelegata(i) taħt il-punt 1.4)

1.3.4 Ċart ta' l-organizzazzjoni u speċifikazzjoni tal-funzjonijiet ta' l-unitajiet (inkluż l-għadd indikattiv ta' karigi allokati)

1.3.5 Informazzjoni dwar jekk l-awtorità responsabbli tistax taġixxi wkoll bħala korp li jeżegwixxi l-proġetti ko-iffinanzjati mill-Fond

1.3.6 Jekk l-awtorità responsabbli tkun l-istess waħda għal aktar minn wieħed mill-erba' fondi, deskrizzjoni tal-funzjonijiet u sistemi komuni

1.4 Awtorità (awtoritajiet) iddelegata(i)

1.4.1 Ir-raġunijiet għat-twaqqif ta' awtorità iddelegata

1.4.2 Id-data u l-forma tal-ħatra formali ta' l-awtorità(awtoritajiet) iddelegata(i)

1.4.3 L-istatus legali ta' l-awtorità(awtoritajiet) iddelegata(i)

1.4.4 Speċifikazzjoni tal-funzjoni li ssir direttament mill-awtorità ddelegata u (jekk ikun applikabbli u/jew previst) minn korpi oħra taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ddelegata (kompiti li jingħataw barra)

1.4.5 Ċart ta' l-organizzazzjoni u speċifikazzjoni tal-funzjonijiet ta' l-unitajiet (inkluż l-għadd indikattiv ta' karigi allokati)

1.4.6 Informazzjoni dwar jekk l-awtorità(awtoritajiet) iddelegata(i) tistax taġixxi wkoll bħala korp eżekuttiv għall-proġetti ko-iffinanzjati mill-Fond

▼B

1.4.7 Jekk l-awtorità ddelegata tkun l-istess waħda għal aktar minn wieħed mill-erba' fondi, deskrizzjoni tal-funzjonijiet u sistemi komuni

1.5 Awtorita' ta' ċertifikazzjoni

1.5.1 Id-data u l-forma tal-ħatra formali ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni

1.5.2. L-istatus legali ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni

1.5.3 Speċifikazzjoni tal-funzjoni li ssir direttament mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni u (jekk ikun applikabbli u/jew previst) minn korpi oħra taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni (kompiti li jingħataw barra)

1.5.4 Ċart ta' l-organizzazzjoni u speċifikazzjoni tal-funzjonijiet ta' l-unitajiet (inkluż l-għadd indikattiv ta' karigi allokati)

1.5.5 Jekk l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tkun l-istess waħda għal aktar minn wieħed mill-erba' Fondi, deskrizzjoni tal-funzjonijiet u sistemi komuni

1.6 Awtorità tal-verifika

1.6.1 Id-data u l-forma tal-ħatra formali ta' l-awtorità tal-verifika

1.6.2 L-istatus legali ta' l-awtorità tal-verifika

1.6.3 Speċifikazzjoni tal-funzjoni li ssir direttament mill-awtorità tal-verifika u (jekk ikun applikabbli u/jew previst) minn korpi oħra taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika (kompiti li jingħataw barra)

1.6.4 Ċart ta' l-organizzazzjoni u speċifikazzjoni tal-funzjonijiet ta' l-unitajiet (inkluż l-għadd indikattiv ta' karigi allokati)

1.6.5 Kwalifikazzjoni ta' l-istaff għall-awtorità tal-verifika u (jekk applikabbli u/jew previsti) tal-korpi l-oħra mistennija li jwettqu xogħol ta' verifika (kompiti li jingħataw barra)

1.6.6 Jekk l-awtorità tal-verifika tkun l-istess waħda għal aktar minn wieħed mill-erba' Fondi, deskrizzjoni tal-funzjonijiet u sistemi komuni

1.6.7 Jekk awtorità responsabbli tista' wkoll taġixxi bħala korp li jeżegwixxi l-proġetti ko-iffinanzjati mill-Fond, deskrizzjoni ta' l-arranġamenti li jiżguraw pożizzjoni indipendenti ta' l-awtorità tal-verifika bi qbil ma' l-artikolu 8.

Gwida għal sezzjonijiet 2 – 4

*l-ewwel parti ta' kull tabella*

Id-deskrizzjoni tal-proċessi għandhom jinkludu l-kompiti li jridu jitwettqu minn kull awtorità ddelegata (jew korpi taħt ir-responsabbiltà tagħhom) u l-interazzjoni bejniethom. Id-deskrizzjoni għandha tkun konċiża iżda madanakollu għandha tippermetti li jinftehmu b'mod ċar kif il-proċessi għandhom jitħaddmu fil-prattika.

*It-tieni parti ta' kull tabella*

Il-lista ta' verifika għandha tkun kompluta billi tindika jekk kull mira tkunx intlaħqet jew le u li tipprovdi kull informazzjoni rilevanti. Jekk ma tkunx intlaħqet il-mira, jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni u, jekk ikun relevanti, indika d-data mistennija biex jitlesta x-xogħol.

Jekk il-proċeduri jkunu regolati, għandha tkun inkluża referenza għad-dokument.

▼B

2. Il-FUNZJONI TA’ L-AWTORITAJIET INNOMINATI

| 2.1. **In-nomina u s-sorveljanza ta’ l-awtoritajiet innominati** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess tat-twaqqif ta’ l-awtoritajiet innominati<br>*[Id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtoritajiet kollha]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Ir-regolamenti li jirregolaw ir-relazzjonijiet ta’ l-Istati Membri ma’ l-awtoritajiet innominati jidentifikaw ir-responsabbiltajiet rispettivi | I/L | |
| 2 | L-Istati Membri pprovdew gwida lill-awtoritajiet innominati biex jiżguraw ġestjoni finanzjarja soda (permezz ta’ taħriġ u/jew manwali) | I/L | |
| 3 | Kull awtorità għandha tinforma lill-istaff tagħha bl-istqarrija ta' mandat ta' l-organizzazzjoni kif ukoll id-deskrizzjoni ta' l-impjieg u r-riżultati mistennija | I/L | |
| 4 | Ittieħdu l-passi biex jiżguraw li l-awtoritajiet differenti għandhom staff adegwat f'termini ta' numru ta' persuni, anzjanità u esperjenzi sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom | I/L | |

| 2.2. **Separazzjoni tal-funzjonijiet** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira ta’ l-arranġamenti definiti biex jiżguraw separazzjoni proprja tal-funzjonijiet<br>*[Id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtoritajiet kollha]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Ir-regolamenti huma ddefiniti biex jiżguraw separazzjoni proprja tal-funzjonijiet bejn l-atturi fi ħdan l-awtorità responsabbli għall-firma tal-ftehim tal-kuntratti/għotjiet | I/L | |
| 2 | Ir-regolamenti huma ddefiniti biex jiżguraw separazzjoni proprja tal-funzjonijiet bejn l-atturi fi ħdan l-awtorità responsabbli għall-bidu, il-verifikazzjoni u l-approvazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjari | I/L | |
| 3 | L-awtorità tal-verifika għandha tiffunzjona b'mod indipendenti mill-awtorità responsabbli u mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni. | I/L | |
| 4 | L-awtorità ta' ċertifikazzjoni ma għandhiex tkun involuta fl-għażla, fl-implimentazzjoni u fit-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mar-riżorsi tal-Komunità | I/L | |

▼B

| 2.3. **Is-sorveljanza ta' l-awtorità (awtoritajiet ddelegata/i) – jekk applikabbli** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtorità responsabbli u l-awtorità/awtoritajiet iddelegata(i)]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Il-kompiti li għandhom ikunu ddelegati huma definiti b'mod ċar | I/L | |
| 2 | Il-proċeduri huma stabbiliti fir-rigward tal-kompiti ddelegati u l-konformità tagħhom mar-regolamenti ddefiniti fl-att bażiku / ir-regolamenti ta' implimentazzjoni hija ċċekjata | I/L | |
| 3 | Kontrolli ta' sorveljanza għandhom isiru biex jiżguraw li l-kompiti jitwettqu skond il-proċeduri stabbiliti | I/L | |

| 2.4. **Is-sorveljanza ta' kompiti oħra mhux imwettqa mill-awtoritajiet infushom – jekk applikabbli** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi lill-awtoritajiet kollha]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | F'każ li l-korpi li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità responsabbli (u li mhumiex ikkunsidrati bħala awtoritajiet iddelegati), ikun hemm mekkaniżmi ta' sorveljanza biex jiżguraw ġestjoni finanzjarja soda | I/L | |
| 2 | Fil-każ ta' atttivitajiet ta' verifika li jingħataw barra u fil-każ ta' korpi li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika, hemm mekkaniżmi ta' sorveljanza biex jiżguraw metodoloġija ta' verifika komuni u konsistenza max-xogħol ta' verifika | I/L | |
| 3 | Fil-każ ta' atttivitajiet li jiċċertifikaw li jingħataw barra u fil-każ ta' korpi li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità li tiċċertifika hemm mekkaniżmi ta' sorveljanza biex jiżguraw strateġija komuni għaċ-ċertifikazzjoni | I/L | |
| 4 | Fil-każ li jingħataw esternament lill-korpi privati mingħajr missjoni ta' servizz pubbliku, il-mekkaniżmi huma ddefiniti biex jiżguraw li l-kompiti li jistgħu jingħataw ma jinkludux l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika jew li jeħtieġu l-użu ta' setgħat diskrezzjonali ta' ġudizzju | I/L | |

▼B

3. PROĊESSI OPERATTIVI U FINANZJARJI

| 3.1. **Li jistabbilixxu programmi multi-annwali** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtorità responsabbli u l-awtorità/awtoritajiet iddelegata(i)]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Ikunu previsti arranġamenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' partenarjat bi qbil mar-regolamenti u l-prattiċi nazzjonali preżenti | I/L | |
| 2 | Il-proċeduri huma ddefiniti biex jiċċekkjaw li l-programm multi-ligwistiku hu konsistenti mal-linji gwida strateġiċi u li hu konformi mal-liġi Komunitarja, b'mod partikolari l-liġi Komunitarja li għandha l-għan li tiżgura l-moviment ħieles tal-persuni f'rabta mal-miżuri ta' akkumpanjament li huma direttament relatati fir-rigward tal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil u l-emigrazzjoni | I/L | |
| 3 | Il-programm multi-annwali għandu jkun approvat minn persuna debitament awtorizzata | I/L | |

▼B

| 3.2: **L-istabbiliment ta' programmi annwali** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtorità responsabbli u l-awtorità/awtoritajiet ddelegati* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Il-Proċeduri huma stabbiliti biex jiżguraw:<br>— il-konsistenza bejn il-programmi annwali u l-programm multi-annwali<br>— l-eleġibbiltà ta' l-azzjonijiet intiżi fil-programmi annwali<br>— il-konsistenza u l-kumplimentarjetà ta' dawn l-azzjonijiet ma' strumenti oħra nazzjonali u Komunitarji<br>— il-konformità mar-regoli dwar il-persentaġġi tal-ko-finanzjament<br>— Il-konsistenza mal-prioritajiet/prioritajiet speċifiċi stipulati fil-linji gwida strateġiċi | I/L | |
| 2 | Il-proċeduri huma stabbiliti biex jiżguraw ir-reviżjoni ta' programm annwali fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament sostanzjati kif deskritti fl-att bażiku, (jekk applikabbli) | I/L | |
| 3 | Il-proċeduri huma stabbiliti biex jippermettu s-sottomissjoni ta' reviżjoni ta' programm annwali meta jkun meħtieġ skond l-Artikolu 23(1) ta' din id-deċiżjoni | I/L | |
| 4 | Kwalunkwe modifika ta' l-analiżi finanzjarja ta' programm annwali u r-raġunijiet għaliex ikun iddokumentat | I/L | |
| 5 | Kwalunkwe modifika ta' l-implimentazzjoni tal-programm annwali mhux marbut ma' l-analiżi finanzjarja (eż. dwar in-natura u l-waqt tas-sejħiet għall-proposti jew l-ambitu ta' l-assistenza teknika) u r-raġunijiet għaliex tkun iddokumentata | I/L | |

| 3.3. **It-twaqqif ta' l-istrateġija tal-verifika u l-pjani ta' verifika annwali** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[din id-deskrizzjoni hi dwar l-awtorità tal-verifika]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Ir-regolamenti huma ddefiniti biex jiżguraw komunikazzjoni trasparenti u xierqa mill-awtorità responsabbli għall-awtorità tal-verifika dwar proċeduri ta' ġestjoni u dwar proġetti qabel u waqt il-perjodu ta' l-ipprogrammar | I/L | |
| 2 | Il-proċeduri huma stabbiliti biex jiddefinixxu l-pjanijiet annwali ta' verifika (li kull sena għandhom ikunu annessi ma' l-istrateġija tal-verifika) u li jibagħtuhom fil-ħin lill-Kummissjoni (jekk ikun applikabbli) | I/L | |
| 3 | L-istrateġija tal-verifika u l-pjaninijiet tal-verifika annwali huma approvati minn persuna debitament awtorizzata | I/L | |

▼B

| 3.4. **L-awtorità responsabbli li taġixxi bħala korp li jeżegwixxi – jekk ikun applikabbli** |
|---|
| Deskrizzjoni qasira tar-raġunijiet li jwasslu lill-awtorità responsabbli biex timplimenta proġetti direttament u l-arranġamenti speċifiċi previsti biex isaħħu s-sistemi tal-ġestjoni u kontroll<br>*[din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtoritajiet kollha]* |

| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-ġustifikazzjoni tal-bżonn biex l-awtorità responsabbli timplimenta proġetti tkun iddokumentata u ffirmata fil-livelli xierqa | I/L | |
| 2 | Hemm arranġamenti speċifiċi biex jiżguraw li n-natura u l-għanijiet tal-proġetti ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ddefiniti għall-Fond | I/L | |
| 3 | Hemm arranġamenti speċifiċi biex ma jħallux li jkun hemm konflitt ta' interess għal proġetti implimentati mill-awtorità responsabbli | I/L | |
| 4 | Hemm arranġamenti speċifiċi biex jiżguraw li jkun irrispettat il-prinċipju tal-valur għall-flus fl-implimentazzjoni tal-proġetti mill-awtorità responsabbli | I/L | |
| 5 | Il-proċeduri huma ddefiniti biex jiżguraw li termini kontrattwali li jirregolaw dawn il-proġetti huma ċari u kompluti b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament, il-mod tal-ħlas, ir-regolamenti dwar l-eleġibbiltà u l-obbligazzjonijiet dwar r-rappurtar operattiv u finanzjarju | I/L | |
| 6 | Ikun hemm arranġamenti speċifiċi biex jiżguraw li l-funzjonijiet prinċipali ta' l-awtorità responsabbli kif ipprovduta fl-att bażiku mhumiex affettwati fir-rigward tal-proġetti implimentati mill-awtorità responsabbli | I/L | |
| 7 | Meta l-awtorità responsabbli taġixxi bħala korp li teżegwixxi, l-awtorità tal-verifika titteħed f'korp ieħor minbarra l-awtorità responsabbli (jekk le, jekk jogħġbok iddeskrivi l-garanziji addizzjonali li jkun hemm biex jiżguraw l-indipendenza proprja ta' l-awtorità tal-verifika) | I/L | |
| 8 | L-istrateġija tal-verifika għandha tkopri r-riskji speċifiċi li jistgħu jkunu marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-awtorità responsabbli | I/L | |

▼B

| 3.5. **L-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti (l-awtorità responsabbli li taġixxi bħala korp li jagħti)** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtorità responsabbli u l-awtorità/awtoritajiet iddelegata(i)]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Fil-każ ta' sejħa għall-proposti (jew offerti), ir-regolamenti huma ddefiniti biex jiżguraw kompetizzjoni miftuħa u pubbliċità adegwata | I/L | |
| 2 | Il-kriterji ta' l-għażla għandhom ikunu konformi mal-kriterji minimi ddefiniti fl-att bażiku | I/L | |
| 3 | Il-proċeduri huma ddefiniti biex jintlaqgħu proposti (jew offerti) | I/L | |
| 4 | Il-proċeduri huma ddefiniti biex jiżguraw li l-proposti (jew l-offerti) huma vvalutati kontra regolamenti u kriterji predefiniti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju | I/L | |
| 5 | Id-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet u l-ftehimiet dwar kuntratti / l-għotjiet għandhom ikunu approvati minn persuna debitament awtorizzata | I/L | |
| 6 | Il-proċeduri huma ddefiniti biex jiżguraw l-informazzjoni *ex post* lill-applikanti dwar ir-riżultati tal-proċess ta' l-għażla | I/L | |
| 7 | Il-proċeduri huma ddefiniti biex jiżguraw il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-ftehimiet/kuntratti dwar l-għotjiet skond it-termini kontrattwali | I/L | |

| 3.6. **Sorveljanza tal-proġetti implimentati mill-benefiċjarji finali** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[din id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-awtorità responsabbli u l-awtorità/awtoritajiet iddelegata(i)]* | | | |
| | miri prinċipali | Miksuba? | Kummenti |
| 1 | Indikaturi prinċipali operattivi u finanzjarji għandhom ikunu stabbiliti, sorveljati u kkomunikati lill-awtorità responsabbli għal kull proġett | I/L | |
| 2 | Verifikazzjonijiet fuq il-post mill-awtorità responsabbli huma previsti biex jippermettu sorveljanza (kemm ta' l-aspetti operattivi u kemm dawk finanzjarji) tal-proġetti | I/L | |
| 3 | L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-benefiċjarji finali jagħmlu użu tas-sistemi xierqa ta' verifika f'forma kompjuterizzata | I/L | |
| 4 | L-awtorità responsabbli għandha tiżgura li l-benefiċjarji finali jimplimentaw id-dispożizzjonijiet dwar il-viżibiltà tal-finanzjament ta' l-UE | I/L | |

▼B

| 3.7. **Ġestjoni finanzjarja tal-proġett** | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni qasira tal-proċess<br>*[tinvolvi l-awtorità responsabbli u l-awtorità/awtoritajiet iddelegata(i)]* | | | |
Fuq bażi ta' l-eżaminazzjoni msemmija hawn fuq, hija l-fehma tiegħi li, għal dan il-Programm Annwali msemmi hawn fuq, is-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll stabbiliti għall-[isem il-Fond] ma ħarsux ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli […]ta' l-att bażiku [referenza] [u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru XXX/2007] u ma ħadmux effettivametn sabiex jipprovdu assikurazzjoni raġonevoli li li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq ippreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u, bħala konsegwenza ma jipprovdux assikurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet li jirfdu huma legali u regolari.

Din l-opinjoni avversa hija bbażata fuq:

(a) […]

(b) […]

(ċ) , eċċ.

Data

Firma

*[firma tal-persuna responsabbli]*

▼B

C. **Validazzjoni tat-talba għall-ħlas**

Lill-Kummissjoni Ewropea

1. DAĦLA

Jien, sottofirmat, li nirrappreżenta lil (isem l-awtorità tal-verifika maħtura mill-Istat Membru), għall-programm annwali tal-[20xx] tal-[isem il-Fond], eżaminajt ir-riżultati tax-xogħol ta' verifika mwettaq f'dan il-programm annwali [u wettaqt ix-xogħol addizzjonali li ġġudikajt meħtieġ kif stabbilit fir-rapport].

Ippjanajt u wettaqt dan ix-xogħol bl-għan li nevalwa jekk it-talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għall-programm annwali [20xx] hijiex valida u t-tranżazzjonijiet li jirfdu, koperti mid-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq fir-rigward ta' dan il-programm annwali, huma legali u regolari.

2. L-AMBITU TA' L-EŻAMINAZZJONI

Jew

Ma kien hemm ebda limitazzjoni fuq l-ambitu ta' l-eżaminazzjoni.

Inkella

L-ambitu ta' l-eżaminazzjoni kien illimitat minn dawn il-fatturi li ġejjin:

(a) […]

(b) […]

(ċ) , eċċ.

3. OPINJONI

Jew (Opinjoni mhux ikkwalifikata)

Fuq bażi ta' l-eżaminazzjoni msemmija hawn fuq, hija l-fehma tiegħi li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq jippreżentaw b'mod ġust, fir-rispetti materjali kollha, l-infiq imħallas taħt il-programm annwali u li t-talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal dan il-programm annwali hija valida.

Jew (Opinjoni bi kwalifikazzjoni)

Fuq bażi ta' l-eżaminazzjoni msemmija hawn fuq, hija l-fehma tiegħi li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq jippreżentaw b'mod ġust, fir-rispetti materjali kollha, l-infiq imħallas taħt il-programm annwali u li t-talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal dan il-programm annwali hija valida, ħlief fir-rigward ta' dawn il-punti li ġejjin:

(a) […]

(b) […]

(ċ) , eċċ.

Nistima li l-impatt ta' dawn il-kwalifikazzjoni(jiet) huwa ta' … ta' l-infiq totali ddikjarata. Il-kontribuzzjoni Komunitarja affettwata għalhek hija ta' …

Jew (Opinjoni Avversa)

Fuq bażi ta' l-eżaminazzjoni msemmija hawn fuq, hija l-fehma tiegħi li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq ma jippreżentawx b'mod ġust, fir-rispetti materjali kollha, l-infiq imħallas taħt il-programm annwali u li, b'konsegwenza, t-talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal dan il-programm annwali mhijiex valida.

Data

Firma

*[firma tal-persuna responsabbli]*

▼B

*ANNESS 8*

**MUDELL TAD-DIKJARAZZJONI TA' L-INFIQ GĦAT-TIENI PRE-FINANZJAMENT**

| |
|---|
| STAT MEMBRU: |
| FOND: |
| L-AWTORITÀ RESPONSABBLI: |
| PROGRAMM ANNWALI KOPERT MIĊ-ĊERTIFIKAZZJONI: |

Jien, hawn taħt iffirmat, [isem il-persuna nkarigata]

li nirrappreżenta lill-awtorità li tiċċertifika nnominata għal[isem il-Fond]

b'dan niċċertifika li l-infiq kollu inkluż fir-rapport tal-progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali jammonta għal:

| | |
|---|---|
| EUR ([1]) | |

[ċifra eżatta mqarrba għal żewġ punti deċimali]

Niċċertifika wkoll li l-azzjonijiet qed jipprogressaw skond l-għanijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm annwali u skond l-att bażiku u r-regoli li jimplimentawh:

(1) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq hija preċiża, tirriżulta minn sistemi taż-żamma talkotba dipendibbli u hija bbażata fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli;

(2) l-infiq iddikjarat huwa skond ir-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u sar fir-rigward ta' azzjonijiet magħżula għall-finanzjament skond il-kriterji applikabbli għall-programm annwali u r-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari r-regoli dwar il-kisbiet pubbliċi;

(3) għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni, irċevejt tagħrif xieraq mill-Awtorità Responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward ta' l-infiq inkluż fid-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq;

(4) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq u t-talba għat-tieni ħlas ta' qabel il-finanzjament iqisu, fejn applikabbli, kwalunkwe ammonti miġbura lura u kwalunkwe interessi rċevuti taħt il-programm annwali.

Din id-dikjarazzjoni ta' infiq hija bbażata fuq kontijiet provviżorjament magħluqa f'[jj/xx/20ss].

Skond l-Artikolu 43 ta' l-att bażiku, id-dokumenti ta' sostenn huma u ser ikomplu jkunu disponibbli għall-inqas għal ħames snin wara l-għeluq talprogramm annwali mill-Kummissjoni.

Data

Isem f'itttri kbar, timbru, pożizzjoni u firma ta' l-awtorità li tiċċertifika

([1]) Ammont totali ta' nfiq eliġibbli mħallas mill-benefiċjarji finali jew użat għall-assistenza teknika.

▼B

*ANNESS 9*

**MUDELL TAD-DIKJARAZZJONI TA' L-INFIQ GĦALL-ĦLAS TAL-BILANĊ**

| |
|---|
| STAT MEMBRU: |
| FOND: |
| L-AWTORITÀ RESPONSABBLI: |
| PROGRAMM ANNWALI KOPERT MIĊ-ĊERTIFIKAZZJONI: |

Jien, hawn taħt iffirmat, [isem il-persuna nkarigata]

li nirrappreżenta lill-awtorità li tiċċertifika nnominata għal[isem il-Fond]

b'dan niċċertifika li l-infiq kollu inkluż fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali jammonta għal:

| | |
|---|---|
| euro ([1]) | |

[ċifra eżatta mqarrba għal żewġ punti deċimali]

Niċċertifika wkoll li l-azzjonijiet qed jipprogressaw skond l-għanijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm annwali u skond l-att bażiku, u b'mod partikolari li:

1) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq hija preċiża, tirriżulta minn sistemi taż-żamma tal-kotba dipendibbli u hija bbażata fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli;

2) l-infiq iddikjarat huwa skond ir-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u sar fir-rigward ta' azzjonijiet magħżula għall-finanzjament skond il-kriterji applikabbli għall-programm annwali u r-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari r-regoli dwar il-kisbiet pubbliċi;

3) għandi assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet li jirfdu huma legali u regolari;

4) għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni, irċevejt tagħrif xieraq mill-Awtorità Responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward ta' l-infiq inkluż fid-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq;

5) ir-riżultati tal-verifiki kollha mwettqa taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika ġew meqjusa kif xieraq;

6) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq u t-talba għat-tieni ħlas ta' qabel il-finanzjament iqisu, fejn applikabbli, kwalunkwe ammonti miġbura lura u kwalunkwe interessi rċevuti taħt il-programm annwali.

Din id-dikjarazzjoni ta' infiq hija bbażata fuq kontijiet provviżorjament magħluqa f'[jj/xx/20xx].

Skond l-Artikolu 43 ta' l-att bażiku, id-dokumenti ta' sostenn huma u ser ikomplu jkunu disponibbli għall-inqas għal ħames snin wara l-għeluq tal-programm annwali mill-Kummissjoni.

Data

Isem f'itttri kbar, timbru, pożizzjoni u firma ta' l-awtorità li tiċċertifika

([1]) Ammont totali ta' nfiq eliġibbli mħallas mill-benefiċjarji finali jew użat għall-assistenza teknika.

▼B

*ANNESS 10:*

## ISTRUZZJONIJIET DWAR L-EMBLEMA U D-DEFINIZZJONI TAL-KULURI STANDARD


### Deskrizzjoni simbolika

Fuq sfond ta' sema ikħal, tnax-il stilla tad-deheb jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-unjoni tal-popli ta' l-Ewropa. In-numru ta' stilel huwa fiss, u tnax huwa s-simbolu tal-perfezzjoni u l-unità.

### Deskrizzjoni eraldika

Fuq sfond ta' ikħal ċar, ċirku ta' tnax-il ħuta tas-sura tal-buras, tad-deheb, u l-ponot tagħhom ma jmissux.

### Deskrizzjoni ġeometrika




L-emblema għandha l-forma ta' bandiera rettangolari blu, li l-wesgħa tagħha huwa darba u nofs daqs l-għoli. Tnax-il stilla tad-deheb lli jinsabu f'intervalli ndaqs jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt fejn jaqsmu d-djagonali tar-rettangolu. Ir-radju taċ-ċirku huwa daqs terz ta' l-għoli tal-bandiera. Kull stilla għandha ħames ponot li jinsabu fuq iċ-ċirkonferenza ta' ċirku li r-radju tiegħu huwa daqs wieħed minn tmintax ta' l-għoli tal-bandiera. L-istilel kollha huma rashom 'il fuq, jiġifieri b'ponta vertikali u żewġ ponot f'linja dritta f'angoli retti ma' l-arblu. Iċ-ċirku huwa rranġat sabiex l-istilel jidhru fil-pożizzjoni tas-sigħat fuq wiċċ ta' arloġġ. In-numru tagħhom ma jinbidilx.

### Il-kuluri regolamentari

L-emblema hija f'dawn il-kuluri li ġejjin BLU PANTONE REFLEX għall-wiċċ tar-rettangolu; ISFAR PANTONE għall-istilel

*Il-proċess ta' erba' kuluri*

Jekk jintuża l-proċess ta' erba' kuluri, erġa; oħloq iż-żewġ kuluri billi tuża l-erba' kuluri tal-proċess ta' erba' kuluri. L-ISFAR PANTONE jinkiseb bl-użu ta' 100 % "*Process Yellow*". IL-BLU PANTONE REFLEX jinkiseb bit-taħlita ta' 100 % "*Process Cyan*" u 80 % "*Process Magenta*".


*Internet*

Fil-paletta web IL-BLU PANTONE REFLEX jikkorrispondi għall-kulur RGB:0/0/153 (hexadeċimali: 000099) u L-ISFAR PANTONE għall-kulur RGB:255/204/0 (hexadecimal: FFCC00).

▼B

*Il-proċess tar-riproduzzjoni monokromju*

Bl-użu ta' l-iswed, pinġi r-rettangolu bl-iswed u stampa l-istilel bl-iswed fuq l-abjad.



Permezz tal-blu (Reflex Blue), uża 100 % bl-istilel riprodotti f'abjad negattiv.



*Riproduzzjoni fuq sfond kulurit*

Jekk m'hemmx alternattiva għal sfond kulurit, poġġi bordura bajda madwar ir-rettanglu, il-wisa' tal-bordura jkun 1/25 ta' l-għoli tar-rettanglu.



▼B

*ANNESS 11*

## REGOLI DWAR L-ELIĠIBBILTÀ TAN-NEFQA

## IL-FOND EWROPEW GĦAR-REFUĠJATI

### I. **Prinċipji ġenerali**

I.1. PRINĊIPJI FUNDAMENTALI

1. Skond l-att bażiku, biex in-nefqa tkun eleġibbli, din trid tkun:

   (a) Fl-ambitu tal-Fond u fil-limitu ta' l-għanijiet, kif deskritti fl-Artiklu 1 u 2 ta' l-att bażiku;

   (b) fost l-azzjonijiet eliġibbli elenkati fl-Artikolu 3 ta' l-att bażiku, jew, fil-każ ta' miżuri ta' emerġenza, relatati ma' l-azzjonijiet eliġibbli inklużi fl-Artikolu 5 ta' l-att bażiku;

   (c) meħtieġ sabiex jitwettqu l-attivitajiet koperti mill-proġett, li jiffurmaw parti mill-programmi multiannwali u annwali, kif approvat mill-Kummissjoni, jew koperti mill-miżuri ta' emerġenza kif definit fl-Artikolu 5 ta' l-att bażiku fejn dawn jikkostitwixxu emenda għall-programm annwali rilevanti;

   (d) raġonevoli u jħarsu l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda, b'mod partikolari il-valur għall-flus u l-effettività għall-ispejjeż;

   (e) magħmul mill-benefiċjarju finali u/jew mill-imsieħba fil-proġett, li għandhom ikunu stabbiliti u rreġistrati fi Stat Membru, ħlief fil-każ ta' organizzazzjonijiet internazzjonali governamentali li għandhom l-istess għanijiet stabbiliti fl-att bażiku. Dwar l-Artikolu 39(2) ta' din id-Deċiżjoni, ir-regoli li jgħoddu għall-benefiċjarju finali għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għall-imsieħba fil-proġett;

   (f) marbut mal-gruppi mmirati ddefiniti fl-Artikolu 6 ta' l-att bażiku;

   (g) magħmul skond id-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-ftehim ta' l-għotja.

2. Fil-każ ta' azzjonijiet multiannwali fis-sens ta' l-Artikolu 14(6) ta' l-att bażiku, parti biss mill-azzjoni ffinanzjata b'mod konġunt minn programm annwali huwa meqjus li huwa proġett għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ta' l-eliġibbiltà.

3. Il-proġetti appoġġjati mill-Fond m'għandhomx ikunu ffinanzjati minn għejun oħrajn koperti mill-baġit Komunitarju. Il-proġetti appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu ffinanzjati konġuntament minn għejun pubbliċi jew privati.

I.2. IL-BAĠIT TA' PROĠETT

Il-baġit ta' proġett għandu jkun ippreżentat kif ġej:

| Infiq | Dħul |
|---|---|
| + *Spejjeż diretti* (DC)<br>+ *Spejjeż Indiretti* (persentaġġ fissat ta' DC, definit fil-ftehim ta' l-għotja)<br>+ Spejjeż kopert minn dħul assenjat (jekk ikun applikabbli) | + *kontribuzzjoni mill-KE* (iddefiniti bħala l-aktar baxx mit-tliet ammonti indikati fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni)<br>+ *kontribuzzjoni mill-benefiċjarja finali u l-imsieħba fil-proġett* [1]<br>+ *kontribuzzjoni minn terzi*<br>+ *irċevuti ġġenerati mill-proġett* |
| = *Spejjeż Totali Eliġibbli (TEC)* | = *Dħul Totali* |

*Il-baġit għandu jkun ibbilanċjat:* L-Ispejjeż Totali Eliġibbli għandu jkun daqs id-Dħul Totali.

[1] Li jinkludu d-dħul assenjat kif deskritt fil-punt IV.

▼B

I.3. ID-DĦUL U L-PRINĊIPJU TAN-NUQQAS TA' QLIGĦ

1. Il-proġetti appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu ta' natura li ma jagħmlux qligħ. Jekk, fl-aħħar tal-proġett, l-għejun tad-dħul, inklużi l-irċevuti, jeċċedu l-infiq, il-kontribuzzjoni lejn il-proġett mill-Fond għandha titnaqqas f'dan is-sens. L-għejun kollha tad-dħul għall-proġett għandhom ikunu rreġistrati fil-kontijiet tal-benefiċjarju finali jew fid-dokumenti tat-taxxa, u għandhom ikunu identifikabbli u kontrollabbli.

2. Id-dħul mill-proġett għandu jiġi mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha mogħtija lill-proġett mill-Fond, minn għejun pubbliċi u privati, inkluża l-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju stess, u minn kwalunkwe rċevuta ġġenerata mill-proġett. "Irċevuti" għall-għanijiet ta' din ir-regoli jkopru dħul irċevut minn proġett matul il-perjodu ta' l-eliġibbiltà kif deskritt fil-punt I.4, minn bejgħ, kiri, servizzi, abbonament/tariffi jew kwalunkwe dħul ieħor ekwivalenti.

3. Il-kontribuzzjoni Komunitarja li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-prinċipju li ma jsirx qligħ, kif imsemmi taħt l-Artikolu 12(c) ta' din id-Deċiżjoni, tkun l-"ispejjeż totali eliġibbli" bit-tnaqqis tal-"kontribuzzjoni minn partijiet terzi" u l-"irċevuti ġġenerati mill-proġett".

I.4. IL-PERJODU TA' L-ELIĠIBBILTÀ

▼M1

1. L-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati u l-ħlasijiet rispettivi (ħlief għad-deprezzament) li saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programmi annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu tal-eliġġibiltà huwa sat-30 ta' Ġunju tas-sena N + 2 ([1]), jiġifieri li l-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati qabel din id-data.

▼B

2. Eċċezzjoni għall-perjodu ta' l-eliġibbiltà msemmi hawn fuq issir għall-miżuri ta' emerġenza (irreferi għall-Artikolu 21(3) ta' l-att bażiku) u għall-assistenza teknika għall-Istati Membri (irreferi għall-punt V(3)).

I.5. REKORD TA' L-INFIQ

1. L-infiq għandu jikkorrispondi għall-ħlasijiet magħmula mill-benefiċjarju finali. Dawn għandhom ikunu fil-forma ta' tranżazzjonijiet finanzjarji (kontanti), ħlief għad-deprezzament.

2. Bħala regola, l-infiq għandu jkun iġġustifikat minn fatturi uffiċjali. Fejn dan ma jistax isir, l-infiq għandu jkun appoġġjat minn dokumenti taż-żamma tal-kotba jew dokumenti ta' sostenn ta' valur probatorju ekwivalenti.

3. L-infiq għandu jkun identifikabbli u verifikabbli. B'mod partikolari,

   (a) għandu jkun irreġistrat fir-rekords taż-żamma tal-kotba tal-benefiċjarju finali;

   (b) għandu jkun iddeterminat skond l-istandards applikabbli taż-żamma tal-kotba tal-pajjiż fejn huwa stabbilit il-benefiċjarju finali u bil-prattika normali taż-żamma tal-kotba skond l-ispejjeż tal-benefiċjarju finali; u

   (c) għandu jiġi ddikjarat skond ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar it-taxxa u dik soċjali.

4. Fejn jgħodd, il-benefiċjarji finali huma obbligati jżommu kopji ċċertifikati tad-dokumenti taż-żamma tal-kotba li jiġġustifikaw id-dħul u l-infiq li jkun sar mill-isħab fir-rigward tal-proġett ikkonċernat.

5. Il-ħażna u l-ipproċessar ta' dawn ir-rekords għandhom ikunu skond il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

([1]) Fejn "N" hija s-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programmi annwali tal-Istati Membri.

▼B

I.6. L-AMBITU TERRITORJALI

1. L-infiq għall-azzjonijiet deskritti fl-Artikoli 3 u 5 ta' l-att bażiku għandu jkun:

   (a) magħmul mill-benefiċjarji finali definiti fil-punt I.1(e); u

   (b) magħmul fit-territorju ta' l-Istati Membri, ħlief għall-azzjonijiet dwar għotja ta' residenza ġdida msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' l-att bażiku, li jista' jkun sar fit-territorju ta' l-Istati Membri jew fil-pajjiż li jospita.

2. L-isħab fil-proġett irreġistrati u stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw fil-proġetti fuq bażi ta' ebda spejjeż, ħlief fil-każ ta' organizzazzjonijiet internazzjonali governamentali. Għalhekk, l-ispejjeż li saru minn dawn l-imsieħba huma ineliġibbli.

II. **Il-kategoriji ta' l-ispejjeż eliġibbli (fuq il-livell tal-proġett)**

II.1. L-ISPEJJEŻ DIRETTI ELIĠIBBLI

L-ispejjeż diretti eliġibbli tal-proġett huma spejjeż li, fir-rigward tal-kondizzjonijiet ġenerali dwar l-eliġibbiltà stabbiliti fil-parti I hawn fuq, huma identifikabbli bħala spejjeż speċifiċi direttament marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-proġett. L-ispejjeż diretti għandhom ikunu inklużi fl-istima totali tal-baġit għall-proġett.

Dawn l-ispejjeż diretti li ġejjin huma eliġibbli:

II.1.1. *Spejjeż dwar l-impjegati*

II.1.1.1. Ir-regoli ġenerali

1. L-ispejjeż diretti għal persunal huma eleġibbli biss għal persuni li jkollhom rwol prinċipali fil-proġett, bħalma huma l-maniġers tal-proġett u persunal oħrajn li jkunu involuti fl-operat tal-proġett, pereżempju dawk li jippjanaw l-attivitajiet għall-proġetti, dawk li jimplimentaw l-attivitajiet (jew li jissorveljaw), dawk li jwasslu s-servizzi lir-riċevituri tal-proġett, eċċ.

   L-ispejjeż għal membri l-oħra tal-persunal fl-organizzazzjoni finali tal-benefiċjarju li għandhom biss rwol ta' appoġġ (bħalma huwa l-maniġer ġenerali, l-accountant, dak li jagħti sostenn għall-ksib, għar-riżorsi umani, għat-teknoloġija ta' l-informatika, l-assistent amministrattiv, ir-receptionist, eċċ.) mhumiex eliġibbli bħala spejjeż diretti u huma meqjusa bħala spejjeż indiretti (ara l-punt II.2).

2. L-ispejjeż dwar l-impjegati għandhom ikunu dettaljati fil-baġit bil-quddiem, bl-indikazzjoni ta' funzjonijiet, numru ta' impjegati u ismijiet.

   Jekk l-ismijiet tal-persuni għadhom mhux magħrufa jew ma jistgħux jiġu żvelati, għandha tingħata indikazzjoni tal-kapaċitajiet professjonali u tekniċi tal-persuni li se jimplimentaw il-funzjonijiet / karigi rilevanti ġewwa l-proġett.

3. L-ispejjeż dwar l-impjegati assenjati għall-proġett, jiġifieri salarji u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali, għandhom ikunu eliġibbli, kemm-il darba dan ma jeċċedix ir-rati medji fir-rigward tal-politika normali tal-benefiċjarju finali dwar il-ħlas. Fejn ikun applikabbli, din iċ-ċifra tista' tinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha mħallsa minn min jimpjega, iżda għandha teskludi kull bonus, ħlasijiet ta' inċentivi jew skemi ta' qsim ta' profittti, dażji, taxxi jew spejjeż (partikolarment, taxxi diretti u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali fuq is-salarji) li jkunu ġejjin minn azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond, jikkostitwixxu spejjeż eliġibbli biss fejn dawn ikunu attwalment u definittivament merfugħa mill-benefiċjarju ta' l-għotja.

▼B

II.1.1.2. Kondizzjonijiet speċifiċi għall-ispejjeż ta' l-impjegati ta' organizzazzjonijiet pubbliċi

L-ispejjeż dwar l-impjegati ta' organizzazzjonijiet pubbliċi li jimplimentaw il-proġett jitqiesu bħala spejjeż diretti eliġibbli biss f'dawn is-sitwazzjonijiet:

(a) persuna kkuntrattata mill-benefiċjarju finali biss għall-għanijiet li jimplimenta l-proġett;

(b) Persuna impjegata fuq bażi permanenti mill-benefiċjarju finali li:

— Jwettaq il-kompiti speċifiċi biex jimplimentaw il-proġett fuq il-bażi ta' remunerazzjoni għas-sahra; jew

— hija ssekondata minn deċiżjoni debitament dokumentata ta' l-organizzazzjoni għall-karigi li huma speċifikament marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-proġett li ma jiffurmawx parti mir-rutina normali tagħha u hija sostitwita għall-karigi normali tagħha minn persuna oħra mqabbda mill-organizzazzjoni.

II.1.2. *Spejjeż ta' l-ivvjaġġar u s-sussistenza*

1. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u s-sussistenza huma biss eliġibbli bħala spejjeż diretti għal:

(a) impjegati tal-benefiċjarju finali li l-ispejjeż tiegħu huma eliġibbli kif definit fil-punt II.1.1;

(b) f'każijiet debitament eċċezzjonali u ġġustifikati, l-impjegati tal-benefiċjarju finali li jagħtu rwol ta' appoġġ kif definit fil-punt II.1.1;

(c) persuni oħrajn barra l-benefiċjarju finali li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett. F'dan il-każ, il-listi ta' l-attendenza għandhom jinżammu bħala provi ta' sostenn.

2. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għandhom ikunu eliġibbli fuq il-bażi ta' l-ispejjeż attwali li saru. Ir-rati tal-ħlas lura għandhom ikunu bbażati fuq l-orħos forma ta' transport pubbliku u t-titjiriet għandhom, bħala regola, ikunu permessi biss għal vjaġġi itwal minn 800 km (vjaġġ tar-ritorn), jew fejn id-destinazzjoni ġeografika tiġġustifika l-ivvjaġġar bl-ajru. Il-biljetti tat-tlugħ għandhom jinżammu. Fejn tintuża karozza private, il-ħlas lura normalment isir jew fuq bażi ta' l-ispejjeż tat-trasport pubbliku, jew ir-rati tal-mili skond ir-regoli uffiċjali ppubblikati fl-Istat Membru kkonċernat jew użati mill-benefiċjarju finali.

3. L-ispejjeż tas-sussistenza għandhom ikunu eliġibbli fuq il-bażi ta' spejjeż reali jew ammont kuljum. Fejn organizzazzjoni għandha r-rati tagħha ta' kuljum (ħlasijiet ta' sussistenza), dawn għandhom jiġu applikati fil-limiti stabbiliti mill-Istati Membri, skond il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali. Il-ħlasijiet tas-sussistenza normalment huma miftiehma li jkopru transport lokali (inklużi taksis), akkomodazzjoni, ikel, telefonati lokali u spejjeż ġenerali.

II.1.3. *Tagħmir*

II.1.3.1. Ir-regoli ġenerali

1. L-ispejjeż dwar il-kisba tat-tagħmir (fuq bażi tad-deprezzament ta' assi mixtrija, lokazzjoni jew kera) huma eliġibbli biss jekk huma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-proġett. It-tagħmir għandu jkollu l-karatteristiċi tekniċi meħtieġa għall-proġett u jħarsu r-regoli u l-istandards applikabbli.

2. L-ispejjeż għat-tagħmir amministrattiv ta' kuljum (bħall-printer, laptop, faks, copier, telefon, wajers, eċċ.) mhumiex eliġibbli bħala spejjeż diretti u għandom jitqiesu bħala spejjeż indiretti (ara l-punt II.2).

3. L-għażla bejn lokazzjoni, kera jew xiri dejjem għandha tkun ibbażata fuq l-għażla li l-inqas għalja. Iżda, jekk il-lokazzjoni jew il-kera mhumiex possibbli minħabba t-terminu qasir tal-proġett jew id-deprezzament mgħaġġel fil-valur, ix-xiri huwa aċċettat u l-ispejjeż relatati mad-deprezzament, kif deskritt hawn isfel, jistgħu jkunu eliġibbli fuq il-bażi ta' regoli nazzjonali tad-deprezzament.

▼B

II.1.3.2. Il-kera u l-lokazzjoni

L-infiq relatat ma' l-operat tal-kera u l-lokazzjoni huwa eliġibbli għall-finanzjament konġunt bla ħsara għar-regoli stabbiliti fl-Istati Membri, il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali u t-terminu tal-kera jew lokazzjoni għall-iskopijiet tal-proġett.

II.1.3.3. Ix-xiri

1. Fejn jinxtara t-tagħmir qabel jew matul il-ħajja tal-proġett, huwa biss is-sehem tad-deprezzament tat-tagħmir li jikkorrispondi għat-terminu ta' l-użu għall-proġett u r-rata ta' użu attwali għall-proġett li huwa eliġibbli.

2. It-tagħmir li nxtara qabel il-ħajja tal-proġett, iżda li jintuża għall-għanijiet tal-proġett, huwa eliġibbli fuq il-bażi tad-deprezzament. Iżda dawn l-ispejjeż mhumiex eliġibbli jekk it-tagħmir kien oriġinalment inxtara permezz ta' għotja Komunitarja.

3. L-ispejjeż tax-xiri tat-tagħmir għandu jikkorrispondi għall-ispejjeż normali tas-suq u l-valur ta' l-oġġetti kkonċernati huwa maqtugħ skond ir-regoli tat-taxxa u ż-żamma tal-kotba applikabbli għall-benefiċjarju finali.

4. Għall-oġġetti individwali li għandhom prezz ta' inqas minn 1 000 euro, il-prezz sħiħ tax-xiri huwa eliġibbli, kemm-il darba t-tagħmir jinxtara matul l-ewwel tliet xhur tal-proġett.

II.1.4. *Il-proprjetà immobbli*

II.1.4.1. Ir-regoli ġenerali

Fil-każ ta' xiri ta' proprjetà immobbli, kostruzzjoni jew rinovazzjoni ta' proprjetà immobbli, jew kiri ta' proprjetà immobbli, għandu jkollu l-karatteristiċi tekniċi meħtieġa għall-proġett u jħares ir-regoli u l-istandards applikabbli.

II.1.4.2. Ix-xiri, il-kostruzzjoni jew ir-rinovazzjoni

1. Fejn il-kisba tal-proprjetà immobbli hija essenzjali għall-implimentazzjoni tal-proġett u hija marbuta b'mod ċar ma' l-għanijiet tagħha, ix-xiri tal-proprjetà immobbli, jiġifieri bini diġà mibni, jew il-kostruzzjoni tal-proprjetà immobbli, huma eliġibbli għall-ko-finanzjament taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti hawn taħt, mingħajr ħsara għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti:

   (a) Għandu jinkiseb ċertifikat minn valutatur indipendenti kkwalifikat jew minn organizzazzjoni uffiċjali debitament awtorizzata li jistabbilixxi li l-prezz ma jeċċedix il-valur tas-suq, li jew jattesta li l-proprjetà immobbli hija skond ir-regolamenti nazzjonali jew jispeċifika l-punti li mhumiex konformi li l-benefiċjarju finali bi ħsiebu jirrettifika bħala parti minn dak il-proġett.

   (b) Il-proprjetà immobbli ma nxtratx permezz ta' għotja Komunitarja fi kwalunkwe ħin qabel l-implimentazzjoni tal-proġett.

   (c) Il-proprjetà immobbli se tintuża biss għall-għanijiet stabbiliti fil-proġett għal żmien ta' mhux inqas minn ħames snin wara d-data tat-tmiem tal-proġett kemm-il darba l-Kummissjoni ma tawtorizzax mod ieħor b'mod speċifiku.

   (d) Hija biss il-porzjon tad-deprezzament ta' l-assi li jikkorrispondu għat-terminu ta' l-użu għall-proġett u r-rata ta' l-użu attwali għall-proġett li hija eliġibbli. Id-deprezzament għandu jiġi kkalkolat skond ir-regoli nazzjonali dwar iż-żamma tal-kotba.

2. Fil-każ tar-rinovazzjoni, jgħoddu biss il-kondizzjonijiet (c) u (d) hawn fuq.

II.1.4.3. Il-kiri

Il-kiri tal-proprjetà immobbli huwa eliġibbli għall-finanzjament konġunt fejn hemm rabta ċara bejn il-kera u l-għanijiet tal-proġett ikkonċernat,

▼B

taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti hawn taħt u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti:

(a) Il-proprjetà ma tridx tkun inxtrat permezz ta' għotja Komunitarja.

(b) Il-proprjetà immobbli għanha tintuża biss għall-implimentazzjoni tal-proġett. Jekk le, huwa biss is-sehem ta' l-ispejjeż li jikkorrispondi għall-użu tal-proġett li huwa eliġibbli.

II.1.4.4. Spazju għall-uffiċċju tal-benefiċjarju finali

L-ispejjeż biex jinxtara, jiġi kostrutt, jiġi rinovat jew jinkera l-ispazju ta' l-uffiċċju għall-attivitajiet rutini tal-benefiċjarju mhumiex eliġibbli. Dawn l-ispejjeż jitqiesu bħala spejjeż indiretti (ara l-punt II.2).

II.1.5. *Il-konsumabbli, il-provižjonijiet u s-servizzi ġenerali*

1. L-ispejjeż tal-konsumabbli, tal-provižjonijiet u tas-servizzi ġenerali huma eliġibbli kemm-il darba huma identifikabbli u direttament meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett.

2. Madankollu, il-provižjonijiet ta' l-uffiċċju kif ukoll it-tipi kollha ta' konsumabbli amministrattivi żgħar, provižjonijiet, spejjeż ta' l-ospitalità u servizzi ġenerali (bħat-telefon, l-internet, posta, tindif ta' l-uffiċċju, assigurazzjoni, taħriġ ta' l-impjegati, il-ħatra, eċċ), mhumiex spejjeż eliġibbli diretti; huma inklużi fl-ispejjeż indiretti, kif jissemma fil-punt II.2.

II.1.6. *Is-subappaltar*

1. Bħala regola ġenerali, il-benefiċjarji finali għandu jkollhom il-kapaċità jwettqu l-attivitajiet relatati mal-proġett huma stess. Għaldaqstant, is-subappaltar għandhom ikunu limitati u m'għandhomx jeċċedu l-40 % ta' l-ispejjeż diretti eleġibbli tal-proġett sakemm ma jkun debitament ġustifikat u approvat minn qabel mill-awtorità responsabbli.

2. l-infiq relatat mas-subappaltar segwenti mhuwiex eleġibbli għall-finanzjament konġunt mill-Fond:

(a) Is-subappaltar tal-kompiti għall-ġestjoni globali tal-proġett;

(b) subappaltar li jżid l-ispiża ta' l-esekuzzjoni tal-proġett mingħajr ma jiżdied l-ebda valur proporzjonali miegħu;

(c) subappaltar ma' intermedjarji jew konsulenti li fihom il-ħlas ikun imfisser bħala perċentwal ta' l-ispiża kollha ta' l-operazzjoni sakemm dan il-ħlas ma jkunx ġustifikat mill-benefiċjarju finali b'referenza għall-valur attwali tax-xogħol jew servizz li jkun ingħata.

3. Għas-subappaltar kollha, sottokuntratturi għandhom jintrabtu li jagħtu lill-korpi ta' awdituri u kontroll l-informazzjoni kollha meħtieġa konnessa ma' l-attivitajiet sottokuntrattati.

II.1.7. *L-ispejjeż li jkunu ġejjin direttament mill-kriterji marbuta mal-kofinanzjament ta' l-UE*

L-ispejjeż meħtieġa sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti marbuta mal-finanzjament konġunt ta' l-UE, bħall-pubblikità, it-trasparenza, l-evalwazzjoni tal-proġetti, il-verifika esterna, il-garanziji bankarji, l-ispejjeż tat-traduzzjoni, eċċ., huma eliġibbli bħala spejjeż diretti.

II.1.8. *It-tariffi ta' l-esperti*

L-ispejjeż tal-konsulenza legali, tariffi notarili u spejjeż ta' l-esperti tekniċi u finanzjarji huma eliġibbli.

II.1.9. *Spejjeż speċifiċi relatati mal-gruppi mmirati*

Għall-għanijiet ta' l-assistenza, ix-xirjiet li jsiru mill-benefiċjarju finali għall-gruppi mmirati u l-ħlasijet lura mill-benefiċjarju finali ta'

▼B

l-ispejjeż imħallsa mill-gruppi mmirati huma eliġibbli, taħt dawn il-kondizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) Il-benefiċjarju finali għandu jżomm l-informazzjoni u l-provi meħtieġa matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 43 ta' l-att bażiku li l-persuni li jirċievu din l-assistenza jikkorrispondu għall-grupp immirat iddefinit fl-Artikolu 6 of ta' l-att bażiku.

(b) Il-benefiċjarju finali għandu jżomm il-provi għall-appoġġ mogħti (bħal fatturi u rċevuti) matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 43 ta' l-att bażiku li l-persuni rċevew dan l-appoġġ.

II.1.10. *Miżuri ta' emerġenza*

1. Għal raġunijiet debitament ġustifikati, jistgħu jiġu permessi derogi għar-regoli dwar l-eliġibilità ddefiniti f'din id-Deċiżjoni, għall-infiq marbut ma' miżuri ta' emerġenza, kemm-il darba huma approvati fid-deċiżjoni Komunitarja li tawtorizza l-miżuri ta' emerġenza.

2. Skond l-Artikolu 21(3) ta' l-att bażiku, il-perjodu ta' l-eliġibbiltà għandu jkun għal massimu ta' sitt xhur, li jfisser li l-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati matul dan il-perjodu.

II.2. SPEJJEŻ INDIRETTI ELIĠIBBLI

1. L-ispejjeż indiretti huma relatati ma' kategoriji ta' nfiq li mhumiex identifikabbli bħala spejjeż speċifiċi direttament marbuta mal-proġett. Persentaġġ fiss ta' l-ammont totali ta' l-*ispejjeż diretti eliġibbli* jistgħu jkunu eliġibbli bħala spejjeż indiretti, sakemm:

   (a) l-ispejjeż indiretti jinżammu sa minimu u l-persentaġġ dirett ta' l-ispejjeż indiretti huwa stabbilit mill-Istat Membru bi proporzjon tal-ħtiġiet;

   (b) l-ispejjeż indiretti huma antiċipati fil-baġit bil-quddiem tal-proġett;

   (c) l-ispejjeż indiretti ma jinkludux spejjeż assenjati taħt intestatura oħra tal-baġit għall-proġett;

   (d) l-ispejjeż indiretti mhumiex finanzjati minn għejun oħrajn. L-organizzazzjonijiet li jirċievu għotja għall-ħidma rċevuta mill-baġit ta' l-UE u/jew mill-Istati Membru ma jsitgħux jinkludu l-ispejjeż indiretti fil-baġit bil-quddiem tagħhom;

   (e) Bħala regola ġenerali, il-persentaġġ fiss ta' l-ispejjeż indiretti f'rabta ma' l-ammont totali ta' l-ispejjez diretti eleġibbli m'ġġandhomx jeċċedu l-20 %. Madanakollu, il-persentaġġ fiss ta' l-ispejjeż indiretti m'għandhomx jeċċedu l-10 %:

      — fejn l-awtorità responsabbli taġixxi bħala korp li jesegwixxi kif definit fl-Artikolu 7(3), jew

      — fejn is-subappaltar jeċċedi l-40 % ta' l-ispejjeż diretti eliġbbli totali.

2. Il-persentaġġ allokat għall-ispejjeż indiretti għandu jkopri dawn l-ispejjeż b'mod partikolari:

   (a) spejjeż ta' l-impjegati li huma ineliġibbli bħala spejjeż indiretti skond il-punt II.1.1.1 (1);

   (b) spejjeż ta' l-amministrazzjoni u l-ġestjoni, bħal spejjeż identifikati f'II.1.5.2;

   (c) spejjeż u imposti bankarji (ħlief għal garanziji bankarji kif definiti fit-taqsima II.1.7);

   (d) deprezzament tal-proprjetà immobbli u spejjeż tal-manutenzjoni meta marbuta ma' operazzjonijiet amministrattivi ta' kuljum, bħall-ispejjeż identifikati f'II.1.4.4;

   (e) l-ispejjeż kollha marbuta mal-proġett iżda eskluži mit-taqsima II.1 - Infiq Dirett Eliġibbli.

▼B

III. **Infiq ineliġibbbli**

L-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli:

(a) VAT, ħlief fejn il-benefiċjarju jista' juri li ma jistax jirkuprah;

(b) dħul lura fuq kapital, dejn u spejjeż tas-servizzi tad-dejn, kummissjonijiet ta' l-iskambju u telf fl-iskambju, provvedimenti għal telf jew responsabbiltajiet futuri potenzjali, interessi dovuti, djun dubjużi, multi, penali finanzjarji, spejjeż ta' litigazzjoni u nfiq eċċessiv jew traskurat;

(c) spejjeż tad-divertiment esklussivament għall-impjegati tal-proġett. Spejjeż raġonevoli ta' l-ospitalità fi ġrajjiet soċjali ġġustifikati mill-proġett, bħal avvenimenti fl-aħħar tal-proġett jew laqgħat tal-kumitat li jmexxi l-proġett, huma permessi;

(d) spejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju finali u koperti minn proġett ieħor jew programm ta' xogħol li jirċievi għotja Komunitarja;

(e) xiri ta' l-art;

(f) spejjeż ta' l-impjegati għal uffiċjali li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni billi jwettqu funzjonijiet li huma parti mir-rutina normali tagħhom;

(g) il-kontribuzzjonijiet in natura.

IV. **Spejjeż koperti minn dħul assenjat**

1. F'każijiet debitament sostanzjati, il-finanzjament konġunt tal-proġett fir-rigward tal-kontribuzzjoni mill-benefiċjarju finali u l-imsieħba fil-proġett jista' jsir parzjalment minn kontribuzzjonijiet f'termini ta' xogħol li jkun sar minn uffiċjali permanenti li jkunu impjegati minn dawn il-korpi u li jkunu involuti fil-proġett. F'dan il-każ dawn l-ispejjeż mhumiex eliġibbli bħala spejjeż diretti jew indiretti ta' l-impjegati kif iddefini taħt il-punti II.1.1 u II.2 iżda bħala spejjeż koperti minn dħul assenjat.

2. Dawn il-kontribuzzjonijiet mhux fi flus m'għandhomx jeċċedu l-50 % tal-kontribuzzjoni totali mogħtija mill-benefiċjarju finali. F'dan il-każ, jgħoddu dawn ir-regoli li ġejjin:

   (a) il-funzjonijiet ta' l-uffiċjali pubbliċi huma speċifikament marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-proġett u ma jirriżultawx mir-responsabbiltajiet statutarji ta' l-awtorità pubblika;

   (b) l-uffiċjali pubbliċi fdati bl-implimentazzjoni ta' proġett huma ssekondati minn deċiżjoni debitament iddokumentata ta' l-awtorità kompetenti;

   (c) il-valur ta' dawn il-kontribuzzjonijiet jista' jiġi vverifikat u ma jistax jeċċedi l-ispejjeż attwalment magħmula u debitament sostnuti minn dokumenti taż-żamma tal-kotba ta' l-awtorità pubblika.

V. **L-Assistenza teknika fuq inizzjattiva ta' l-istati membri**

1. Fuq inizzjattiva ta' kull Stat Membru, dawn il-miżuri ta' assistenza teknika li ġejjin huma eliġibbli għal kull programm annwali, fil-limiti speċifikati fl-Artikolu 16 ta' –att bażiku:

   (a) infiq relatat mal-preparazzjoni, l-għażla, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' l-azzjonijiet (inkluż tagħmir tal-kompjuter u konsumabbli);

   (b) infiq relatat mal-verifiki u l-verifiki għall-għarrieda ta' azzjonijiet jew proġetti;

   (c) infiq relatat ma' evalwazzjonijiet ta' azzjonijiet jew proġetti;

   (d) infiq relatat ma' informazzjoni, disseminazzjoni u trasparenza relatati ma' l-azzjonijiet;

   (e) infiq fuq il-kisba, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Fondi;

   (f) infiq fuq laqgħat ta' kumitati u sub-kumitati tal-monitoraġġ relatati ma' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijjiet. Dan l-infiq jista' wkoll jinkludi l-ispejjeż ta' esperti u parteċipanti oħrajn f'dawn il-kumitati, inklużi parteċipanti f'pajjiżi terzi, fejn il-preżenza tagħhom hija essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva ta' l-azzjonijjiet;

▼B

(g) infiq fuq salarji, inklużi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, għalkemm f'dawn il-każijiet biss:

— l-impjegati ċivili jew uffiċjali pubbliċi oħrajn issekondati b'deċiżjonijiet debitament dokumentati ta' l-awtorità kompetenti biex isiru l-funzjonijiet imsemmija fil-punti a) sa f);

— impjegati oħrajn imqabbda biex iwettqu funzjonijiet imsemmija fil-punti a) sa f);

— il-perjodu tas-sekondament jew ta' impjieg ma jistax jeċċedi d-data finali għall-eliġibbiltà stabbilita fid-deċiżjoni li tapprova l-għajnuna.

2. L-assistenza teknika tista' tiffinanzja l-ispejjeż li saru minn waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet: l-awtorità responsabbli, l-awtorità ddelegata, l-awtorità tal-verifika jew l-awtorità li tiċċertifika.

▼M1

3. L-attivitajiet marbuta mal-assistenza teknika għandhom jitwettqu u l-ħlasijiet korrispondenti li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament li approvat il-programmi annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu ta' eleġibbiltà jdum mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

▼B

4. Kwalunkwe kisba għandha ssir skond ir-regoli nazzjonali dwar il-kisbiet stabbiliti fl-Istati Membri.

5. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw miżuri ta' assistenza teknika għal dan il-Fond flimkien ma' miżuri ta' assistenza teknika għal xi ftit mill-erba' Fondi, jew għalihom kollha. Iżda, f'dak il-każ huwa biss is-sehem ta' l-ispejjeż użati għall-implimentazzjoni tal-miżura komuni li tikkorrispondi għal dan il-Fond li tkun eliġibbli għall-finanzjament taħt dan il-Fond, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) is-sehem ta' l-ispejjeż għall-miżuri komuni tiġi llevata fuq il-Fond korrispondenti b'mod raġonevoli u verifikabbli; u

(b) ma hemm ebda finanzjament doppju ta' l-ispejjeż.

▼B

*ANNESS 12*

**APPLIKAZZJONI GĦALMIŻURI TA' EMERĠENZA**

| |
|---|
| STAT MEMBRU: |
| AWTORITÀ RESPONSABBLI: |
| SENA TA' L-APPLIKAZZJONI: |
| PROGRAMM ANNWALI LI GĦANDU JIĠI EMENDAT: |

1. **Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari li teħtieġ miżuri ta' emerġenza**

1.1. Indikazzjoni tal-karattru eċċezzjonali tas-sitwazzjoni

1.2. In-numru u n-natura tal-wasliet

1.3. L-effetti ta' dawn il-wasliet fuq il-kapaċitajiet tar-riċeviment, is-sistema tar-rifuġju jew l-infrastruttura

1.4. Il-bżonnijiet urġenti

1.5. L-għanijiet fit-terminu l-qasir

2. **Miżuri ta' emerġenza ppjanati**

2.1. Miżura 1

2.2. Miżura 2

2.3. Eċċ

| |
|---|
| Aspetti tal-miżura ppreżentata meta tiġi deskritta kull miżura taħt il-punt 2.1 sa eċċ |
| 1. L-għan u l-ambitu tal-miżura ([1]), inkluż il-grupp immirat |
| 2. It-tul tal-miżura ([2]) |
| 3. Fejn ikun xieraq, ġustifikazzjoni dwar il-proġett(i) implimentat(i) direttament mill-awtorità responsabbli li taġixxi bħala korp li jeżegwixxi |
| 4. Benefiċjarji mistennija ta' l-għotja |
| 5. Riżultati kwantifikati mistennija u l-indikaturi li għandhom jintużaw |
| 6. Il-Viżibbiltà tal-finanzjament tal-KE |
| 7. Il-komplimentarità ma' l-azzjonijiet eżistenti appoġġjati mill-Fond Ewropew tar-Refuġjati |

3. **Ir-regoli dwar l-eliġibilità**

3.1. Id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-miżuri kollha

3.2. Id-derogi għar-regoli ta' eleġibiltà dwar in-nefqa, imsemmija fl-Anness II Ta' din id-deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 ta' l-att bażiku

4. **Pjan finanzjarju indikattiv**

Tabelli finanzjarji li jissostitwixxu t-tabelli fl-Anness 3 taħt l-intestatura "operazzjonijiet oħrajn" (bid-dettalji rilevanti)

([1]) Skond ir-regoli speċifiċi dwar l-eliġibilità taħt l-att bażiku
([2]) Massimu ta' sitt xhur